" AHNA LI NIBQGHU ~~WARA~~ "

# AHNA LI NIBGHU

Kummidja fi tliet Atti

ta'

Giovanni Cenzato

Maqluba ghall-Malti

minn

Charles Attard.

JIEHDU SEHEM:

Professur Augusto Selva,
Dottor Alberto Conti,
Dottor Italo De Mari,
Carlo Dani,
Mons. Mariano Selva,
Dottor Filippo Anzani,
Domenico, Seftur fid-dar Selva.
Francesco, Maggjordom ta' Selva
Elena, Bint il-Profs. Augusto
Maria Salvi,
Maddelena Gianni,
Claretta, Bint Maddalena
Perfetta, Seftura tal-Monsinjur
Dottor Claudio Arteni

Moghti bidu fis-6.8.60 Mitmun fl-14.9.60

M A L T A
1960

## L-EWWEL ATT

Ix-Xena: Il-Villa tal-Prof. Augusto Selva. Salun sabieh, pjanterren li jaghti ghal-gnien. Is-sala tidher imzejna b'arkitettura mill-isbah. Arkati u kolonnar jidhru fil-faccata. Il-bieb li jaghti ghal-gnien u li jservi ghad-dhul u hrug, jidher maghmul minn-vetrata kbira. Fuq il-lemin u fuq ix-xellug, jidhru zewg bibien.

L-ghamara tidher rikka, sofa' pultruni, mobbli, kwadri, statwi, lampi bil-paralumi, ecc.

Meta jiftah is-siparju, is-sala tidher bla persunaggi.

Il-hin, huwa s-sitta ta' filghaxija. Mill-bieb tal-gnien, li jidher miftuh ghal fuq il-gnien, jidhlu Maddalena u Claretta, omm u bint. Iharrsu madwarhom sorprizi, jersqu aktar il-quddiem, u:

Maddalena: Haġa kurjuza... Miftuh kullimkien u m'hawn hadd;

Claretta: Il-kancell tal-gnien kien miftuh ukoll.

Maddalena: It-tahbita tal-lum, lis-sefturi, sejra titilfilhom rashom. Ejja noqoghodu bilqegheda... Fl-aħha jinqala' xi hadd.

Claretta: (Tippassigga mal-kamra, thares l-hawn u l-hinn. Titfa' ghajnejha fuq vazun tal-fidda li jinsab fuq tavolina.) Mama', hares ftit, kemm telegrammi.

Maddalena: Nista nahseb.

Claretta: Erminia qaltli li r-re wkoll baghtilhom telegramma.

Maddalena: (B'disprezz) Ir-Re!.. Huwa kien l-ajjutant tieghu... Bix-xjenza tieghu kollha, m'irnexxilux jikseb dak li jien u l-papa' tieghek konna rcevejna dak in-nhar tat-tieg taghna.. Telegramm minn ghand il-Papa...Qegheda tifhimni? Minn ghand il-Papa. Dan ifisser li t-telegramm li rcevejna ahna, jiswa wisq izjed minn dawk li jistgħu jibghatu s-Slaten tad-dinja kollha flimkien. (Thares lejn it-telegrammi, bhal wahda dubbjusa) Ta' dawn, sgur li m'hemmx wahda minn ghand il-Qdusija Tieghu l-Papa.

Claretta: Bhala xjenzat u bhala tabib, m'rceviex wisq.

Maddalena: Ma tistennies hag'ohra... Bniedem li m'ghandux il-biza ta' Alla, jistmerru kullhadd... Tnehhi x'erba' li jkunu madwaru .... kullhadd jitwarrab minnu.

Claretta: Sewwa qegheda tghid.

Maddalena: D'id-dar, hadd ma jibza minn Alla ghaliex huwa ried hekk... Dik hija l-ordni.

Claretta: Imma, b'dan kollu, nies twajba hafna.

Maddalana: Iva u nittama li l-lum, billi hija l-festa taghhom, jkunu twajba aktar mis-soltu. Is-Sinjura Elena, m'hix sejra tichadli dak li tlabtha ghal dawk l-imsejkna abbandunati. Ghad baqaghli nhallas dak l-apparat tas shana li gibna ghall-Istitut.... Ghadni ma gbartx bizzejjed biex inhallsu .... Il-Kommendatur Savoldi u la Torri weghedun ghaxart-elef kull wiehed. Il-Kappillan ta' Sant'Anglu, weghedni ghaxra ohra kemm il-darba jirnexxili jiksibhom minn ghand is-sinjura Alvisi.

Claretta: Ghada hajja?

Maddalena: Dik ma tmut qatt. L-ghaxart-elef l-ohra, is-Sinjura Elena m'hix sejra tichadomli... Hija ga weghedithomli u ghalhekk rajt li ahjar nip rofitta ruhi minn-gurnata bhal din.... L-ghada tal-festa, jibdew gejjin il-kontijiet u allura ... -bul'

nibdew naghmlu l-buli...Le, le... il-lum, ma tabrablhi sgur.

Claretta: Nahseb li stennewna ghar-repaux.

Maddalena: Ghar-repaux? Jien? Jiena u Int? Ma' dawk liskumnikati ta' tobba uxjenzati? Nies materjalisti u rinnegati t'alla ...Claretta, int, f'sensik? Le, le,....Is-sinjura Elena tista' tahseb li ma konriex gejjin...(B'ton iehor) Ima kif, m'hawn hadd... ebda hoss?

Claretta: (li sa dat-tant qabdet gurnal li fuqu hemm xi ritratt ta' xi hadd) Ara, mama'... ara x'hawn fuq dal-gurnal... Ir-ritratt tal-Professur... giebuh kwazi matul il-pagna kollha.. Ghadu sabieh ghalkemm imdahhal fiz-zmien.

Maddalena: Hamsa u tmenin sena... Tletin akbar minni...

Claretta: Isma ftit x'tifhir... (Taqra) "Id-dinja, kollha kemm hi, tgharrfu u s-sellimlu..."

Maddalena: Id-dinja kollha!... Tista' tahseb...Il-gurnalisti dejjem jesageraw.

Claretta: (Tkompli taqra) "Id-dinja xjenzata tghid....

Maddalena: [illegible] Ah!... Allura din hija dinja ohra.

Claretta: (taqra) "Lil Professur Augusto Selva, f'eghluq it-tmenin sena...

Maddalena: Tmenin ghedt? U l-ohrajn fejn huma?

Claretta: Imma l-gurnal daqshekk qal.

Maddalena: Il-festa li qeghdin jiccelebraw il-lum imisshom ghamluha hames snin ilu, jekk m'hux sitta wkoll....Baqghu jipposponuha minn sena ghall-ohra... Sa dat-tant, iz-zmien, baqa' ghaddej... Dan ma jistenna l-hadd.

Claretta: (Tkompli taqra) "L-appostlu tal-Professjoni Medika"....

Maddalena: (Imdejqa) X'ghedt? Ara, ghamilli pjacir... m'irridx nisma kliem vojt... Nehhi dak il-gurnal minn idek... Ista niftakar...Ara, bizzejjed... Kif naqbad f'idejja dawk l-ghaxart-elef lira, nfittex nitlaq il-barra... Alla l-Imbierek jaf ghalfejn gejt hawn... Gejt minhabba dawk l-imsejkna tfal li ghandi taht idejja... Kieku ma kienux dawn, ma kontx nirfes f'din id-dar... Li nigi mie hek hawn, inkun qegheda nirriskja li xi tabib li jinzerta hawn, jinnamra minnhek.. Int xbejba sabieha, twajba... Dan jista jizzewwgek...igib l-ulied fid-dinja u irabbihom minghajr ma jghammidhom... Bhal qtates...Le, le... (B'ton iehor) Kos, qegheda nghid.... haga stramba.... Qe' nibda biex nidhasseb...(Tqum u b'lehen ta' wahda mbazza') Ahna sibna kullimkien miftuh... Tghid hareg kullhadd u dahhlu l-ballelin?

Claretta: (Tidhaq) X'int tghid, mama' ? (Bieb jinfetah bis-salt).

Domenico: Seftur fid-dar ta' Selva jidhol in-xena minn fuq il-lemin b'rifsu maqtugh u jibqa' sejjer jigri lejn il-bieb ta' fuq ix-xellug).

Maddalena: Domenico!.....

Domenico: Ahfruli, sinjuri.....(bla ma jieqaf) Kieku tafu x'gara.. Kieku tafu... X'disgrazzja!..... (johrog minn fuq ix-xellug. Bieb jinghalaq.

Claretta: X'qal, mama'?

Maddalena: Alla tal-Hniena!...

Claretta: Grat xi disgrazzja?

Maddalena: Le, Le... Ma nahsibx....

Domenico: (Jerga' jidhol minn fuq ix-xellug, jaqsam ghan-naha l-'ohra u jidhol, mnejn dahal, dejjem b'nifsu maqtugh. F'idejh ghandu pakkett kbir.)

Maddalena: (Tipprova terga' jsseijjahlu, imma dan ma jwiegibx) Dumincu!... Jahasra... ghidli x'gara.

Francesco: (Il-Maggjordom, jidfacca fuq il-bieb tal-lemin, waqt li Domenico ikun diehel. Jipprova jwaqqfu) Kollu ghalxejn, Domenico... Ma nistghu naghmlu xejn izjed....

Domenico: (Jibqa' hiereg qisu ma qallu xejn).

Maddalena: Francesco? X'gara?

Francesco: (Jaghrafhom) Oh!... Is-sinjura Gianni... Ghamiltu sewwa gejtu... Kont qed nahseb biex... (Jigi mwaqqaf minn Alberto li jidho l mghaggel mill-bieb tal-gnien.) (Francesco jigri lejn Alberto, waqt liz-zewg nisa jersqu l-ura mbezzghin). Sinjur!....

Alberto: X'inqala, Francesco?

Francesco: It-tifel... Igri, Sinjur....

Alberto: It-tifel! .... X'gara??? (B girja jigri ghal fuq il-bieb tal-lemin u jidhol gewwa)

Maddalena: Francesco.... Ghidilna x'gara....

Alberto: Kieku taf, sinjura...Inhossni sejjer niggennen..It-tifel miet.

Claretta:
Maddalena: Girogino???

Francesco: Iva....

Maddalena: Miet ? ... U biex miet?

Francesco: Il-lum, wara nofs in-hhar... wara li l-mistidnin marru lejn djarhom, is-sinjura kellha bzonn tohrog... Kellha laqa' mportanti hafna dwar xi beneficenza... Tafu inthom dawn l-affarijiet kemm irudu tahbit.

Maddalena: (Ironika) Xi tjubija!... Allura, kompli... inhossni ansjusa hafna li nkun naf x'gara.

Francesco: It-tabib, mar izur il-klienti tieghu u l-Professur baqa' hawn... It-tahbit tal-gurnata... iz-zmien li ghandu.. tassew li ghadu f'sahhtu imma.....

Maddalena: Jahasra, fittex ghidli x'gara.

Francesco: Ghandek ragun... Il-Professur, kien hawn bilqegheda fuq dil-pultruna u jien, kont qed naghtieh il-grokk li jiehu s-soltu. (Juri tavolina li hemm fir-rokna tas-sala) Hekku ... it-tazz a ghadha kif tajtielu...Kif kien ser jixrob, dahlet tigri Adela, tghajjat u twezaq: "Jahasra..Ejja malajr...It-tifel, qed jifga...Qed imut..." Jien u l-Professur tlaqna nigru. Emmuni... anqas irrid niftakar.. Kienu ghadhom kemm tawh il-kolozzjon..fost kollox, tawh ghanqut gheneb minn dak il-kbir... minn dak li fih zerriegha boxna... It-tifel beda jilghab bil-gheneb billi beda jgholli z-zerriegha u jilqaghha f'halqu..F'salt wiehed, wahda minn dawk iz-zerriegha, wehlitlu fi griezmu..Adele bdiet ittap-taplu fuq daharu biex forsi inehhiha, imma ghalxejn...it-

tifel kien qed jifga... Ippruval tnebbhijielu b'subghajh, imma aktar sewa deni.. It-tifel beda jihmar, imbaghad, beda jiswied.... ghajnejh qabzu l-barra... wasalna ahna u hawn trid tara lil-Professur... idejh imregheda, ma jafx x'ser jibda jaghmel...naf li mar igib sikkina zghira tal-fidda, qassamlu taht geddumu (jurihom griezmu)

Maddalena: Alla tieghi!... Ruhi qalbi!.....

Francesco: Kollox kien ghalxejn...Ftit minuti wara, kien mejjet.... Il-Professur ipprova minn kollox .. Inje zzjoni... respirazzjoni artificcjali... Jien stess ma nafx nfissrilkom dak li ghamel... U issa, l-imsejken.. qieghed hemm. (jibki)

Maddalena: (Toqoghod fuq il-pultruna bhal wahda li rhewha riglejha) Misericordja!... X'disgrazzja!....

Claretta: Povru tifel!... U Ommu???

Francesco: Ghada ma taf xejn... Baghtuni nfittixha .. cempilnilha, s'issa, ma sibniha mkien.. Jekk ma jsibuhiexu ituha din-l-ahbar bil-mod, il-mod, ser tasal hawn bla ma tkun taf xejn... Sinjura, jekk tibqa' hawn ftit iehor, tkun qeghda taghmel opra tal-karita'.

Maddalena: (Imhawwda) Jien? U ghalfejn? X'nista' naghmel mara sensibbli bhali? L-aktar meta ghandhi lil din mieghi... Din, ma tiflahx tara xeni bhaladawn... Xi sventura (B'ton iehor) Francesco, int ragel qalbieni.... Jiena nafek tajjeb Int qieghed tahdem f'did-dar, ghaliex trid tiekol... trid tghix... Haga naturali... Dak li gara l-lum, proprju l-lum id-driegh t'Alla... Iva ... Dan huwa kastig.. (Trodd salib) M'hemmx ghalfejn inkompli.. Int fhimtni tajjeb... (B'ton iehor) Hemm qed naghli ghalieha... imsejkna Ommu.. imsejkna genituri.. Kien tifel hekk f'sahhtu.. hekk sabieh..

Francesco: Ghadu kemm ghalaq hames snin.. Kien qisu warda...

Maddalena: Tkomplix, Francesco... Kwazi qed ihossni hazin.. qalbi maqsuma.. (Thares lejn Clareetta) Binti, imxi morru.. Ma niflahx nisma fuq dad-disgrazzja... (Lil Francesco) Nitolbok, Francesco... Tghidilhomx li konna hawn... Ghada imbaghad, nergghu nigu... (Turieh ix-xellug) Jekk tghaddina mill-bieb tal-genb, ikun ahjar.. naslu d-dar aktar malajr..

Francesco: Imma, jahasra.. kieku bqajtu hawn, ma kienx ikun ahjar?. Bikliemkhom, kontu issabbru lil dik l-imsejkna omm.

Maddalena: X'nistghu nghidulha? M'insib ebda kelma li bigha nista' nikkunslaha.. Hemm zewgar... Hemm missiera.... hawn int li qisek wiehed tal-familja... Ahna aktar infixxklu... M' ghandhix hila nara tihu din-l-ahbar hekk ghal-gharrieda. Francesco, x'imdaqqiet, il-barranin, aktar jiswew ta' deni milli ta' gid. (Lil Claretta) Imxi, ghaziza tieghi.... Imxi immorru...(Johorgu) .

Francesco. (Jimxi wara z-zewg nisa bhal wiehed iffastidjat, icaqlaq rasu. Ibqa' hiereg warajhom, minn fuq ix-xellug. Ghal ftit, il-palk jibqa vojt, imbaghad, Francesco jerga' jidhol fl-istess waqt li mill-bieb tal-gnien, jidfacca it-tabib De Mari bhal wiehed ikkonfondut) Sibtha tabib?

De Mari: X'sibt, sibt, x'isventura!.. Qaluli li marret twassal lil-Kontessa bil-karrozza, naturalment qabel marru d-dar, marru jaghmlu xi dawra.

Augusto: (Jidfacca fuq il-lemin. Jidher li qata' qalbu ghal-kollox esawrit, mirbugh minn dik id-disgrazzja. Id-dehra tieghu hija dik ta' ragel kburi u rizolut, imma id-disgrazzja li laqtitu fit ilu, tidher li rebhitu u tilef qlubitu. Jilmah lil de Mari, u:) Sibtha? Waslet?

De Mari: Professur, ghadni kemm kont qed nghid lil Francesco...

ma sibtha mkien....

Augusto: (Jaqtaghlu kliem,,) Jehtieg naraw x'naghmlu... ma jistghax jkun nhalluha tasal hawn u ntuha l-ahbar hekk, habta u sabta... Dan huwa binha.. l-iben wahdani li kellha...

Francesco: Professur, jekk tridni nipprova mmur infittixha jien.. Nerga' ncemplilha ... Jew immur...

Agosto: Jehtieg... Iva, fittex mur ... igri... fittixha kullimkien..

Francesco: Professur... Lest beix naghmel l-impossibli.. (johrog minn fuq ix-xellug)

De Mari: (wara li jidher kommoss u jkkonfondut) Professur.. (Jestendi idu biex johodlu b'idejh)

Augusto: (Jersaq lejh, kwazi jistrieh ma dik l-id li tah il-habib tieghu u wara li jinstama' jolfoq, jintefa' f'dirghajn il-habib tieghu De Mari) (Jitniegheд)

De Mari (Kommoss huwa wkoll) Kuragg. Professur... taghmilx hekk. nitolbok.

Augusto: Ghaziz habib tieghi!...( ghejjun mimn De Mari, joqoghod bil-qegheda) Jien, li nissielet mal-mard kollu ta' l-Umanita' ghall-aktar min erbghin sena... Jien li rbaht l-gwaj tal-bniedem ghall-elff ta' drabi.. kelli nara lil dat-tfajjel lil dil-kreatura ckejkna li kienet tfisser l-istess hajja tieghi... tigi misruqa minn ~~taht~~ taht idejja..

De Mari: Imma kif setghet tigri haga bhal din?

Augusto: It-tifel belgha ghenba... Billi din nizlet f'halqu mill-gholi, nizlitlu l-isfel u wahlitlu fil-gerzuma... Kita sejjhuli, wiccu kien ga khal...halqu miftuh... ghajnejh qabzu l-barra... gismu kien ga kesah... il-~~pzo~~ polz kien dghajjef hafna... Ghalkemm beda jisghol bil-qawwa, l-arja ma setghetx tghaddi min grizmejh... F'dak il-hin, fegg l-Isrettru ta' l-Asfissja..., Hemm, quddiem ghajnejja, rajtu qed jimminaccjani... Minnufieh fhimt li kienet kwistjoni ta mumenti, anzi ta' sekondi... Dahhalt sebghi f' halqu.. bdejt infittixlu ma grizmejh... ghalxejn... kient nizlet l-isfel wisq, ma stajtx nilhaqa'.... F'dak il-hin ma kellix ghodda anqas kelli zmien liniehdu l-Isptar... Allura kelli, bla ma ridt, niftahlu grizmejh biex forsi jirnexxili naqlahhielu.. Kien assolutament mehtieg li ntieh in-nifs u ghalhekk, kontra qalbi, kelli naqsam il-gilda tal-gerzuma... Sakemm ghamilt dan, kien ga tard wisq.... qalbu kienet waqfet... l-Asfissja harget rebbieha fuqi... Iva, gejt mirbugh... mirbugh fl-aktar waqtiet mportanti ta' hajti.

De Mari: Disgrazzja kerha!

Augusto. Inti tista tifhimni aktar minn haddiehor.. Minn dak il-hin li belgha l- ghenba sakemm wasalt jien, u ghamiltlu dik l-op erazjoni, ikkalkulajt li ghaddew tnax il-minuta. Adele ma ghajtitlix mill-l-ewwel.. ipprovat taqlaghhielu hi.. ma basritx li kaz kien serju daqshekk.. Kieku sejhuli mill-ewwel.. kieku forsi hliestu mill-mewt.

De Mari: (Wara pawsa) U missieru?

Augusto: Hemm qieghed.. Qisu mbb lugh.. Qed jipprova jikkuralu l-ferita... kollu ghalxejn.. Ejja.. ejja halli tarah. (Iqum u kwazi jixxengel, jibqa' hiereg minn fuq il-lemin)

DE Mari: (Johrog warajh bla klien.).

Elena: (Wara pawsa lix-xena tibqa' voljta, tidhol akkumpanjata min Carlo Dani. Tidher li hija mara zaghzugha, sabieha, eleganti. Wiccha juri espressjoni ta' hena, tidher li hija ferhana biha nfisha. Bhall-issa tinsab f' tahdita ma' Dani u B'lehen ta' rimproveru) Issa bizzejjed, ghaziz Dani... Gjudizzju!... (Tidhaq u tibqa' diehka u toqoghod fuq pulturna) Taf l-int ragel iblah biex toqoghod tqarraq bik in-nifsek?

Dani: U xi hsara qed naghmel b'daqshekk?

Elena: (Ghalkemm tidher li dal kliem qed itieha gost, tqum u:) Ghedtlek bizzejjed...(Tersaq mal-hajt u c-cempel, imbaghad terga' tintelaq fuq pultruna) Illum tant jien ghajjiena li anqas ghandi sahha noqoghod nghaddi z-zmien bik.

Dani: Allura, ippermettili li napprofitta ruhi mill-ghajja, ta l-ghadu tieghi... Din hija regola antika ta' strategija li tiggarantixxi success.

Elena: (Biex iddawarlu d-diskors) Rajt kemm ircevejna telegrami.

Dani: Dawk ghadhom m'hux bizzejjed.. Ghad iridu jaslu hafna izjed. Kont qed nitkellem fuq hekk mal-Professur Silvini, il-President tal-Kumitat tal-festi.. Kieku dal-festi habbartu-hom ftit qabel, kien ikun wisq ahjar.. Il-papa tieghek huwa mahbub min kullhadd.. Kullhadd ghandu qima lejh.. Kulliadd jinsab xi hadd li gie mfejjaq mill-hila xjentifika tieghu. (sits opp. Elena)

Elena: Il-papa' kien kuntrarju ghal dawn il-festi... Huwa m'hux mkabbar bih in-nifsu.. ma jhobbs juri ruhu...

Dani: Imma dawn huma festi ~~xx~~ li bihom igawdu l-qraba ukoll.... Dawn ihossu ruhhom ferhana u kburin li jgibu isem dak li qed jigi iffestaggjat.....

Elena: Ha.. ha... Rajtu fuq il-gurnal ir-ritratt tal-papa'?

Dani: Iva rajtu.

Elena: Dak il-kwadru tassew sabieh... Tista' tghid il-gurnali kollha fahhruh.

Dani: (iqum) Ma na hsibx... Qaluli li Salerni ma tkellimx tajjeb fuqu.

Elena: Taghtix kas... Issoltu ghira artistika.

Dani: M'hemmx dubju... m'hix hag'ohra hlief ghira.. l-ghira, fl-arti, hija qawwa li jssahhah lil dak li jkun... l-ghedewwa jikkumbattuh b'armi mohbija u l-hazin hu li dawn aktarx johorgu rebbieha... Il-kritika taghhom taghmilhom nies kbar u ittihom privileggi fuq haddiehor.

Elena: Imma ghaliex qed tinkwieta ruhek? (Tidhaq) (B'ton differenti ghal kollox) Ismaghni ftit... biex innattilek ftit ghall-kritika hazina, ghada, rridek tibda ritratt ta' Giorgino. (Tqum. B'tonalita ohra) Kos. (allarmata) Qeghda Cempilt il-qampiena u ma gie hadd... il-bibien miftuha.. tghid gara xi haga?!...(Titlaq tigri ghal bieb tas-sala fil-waqt li minn fuq il-lemin, jidhol Alberto, ikkonfondut u mbazza'.)

Alberto: (Jilmah lil Elena bit-tbissima tas-soltu u allura jifhem li ghadha ma taf xejn. Jieqaf, qisu statwa u b sforz jirnexxilu jippronunzja isimha:) Elena!...

Elena: (Imbazza mill-espressjoni tieghu:) Alberto!...

Alberto: (Jigri lejha u waqt li jhaddanha mieghu, mbikki:) Elena!. Elena...

Elena: (Imkexkxa, b'ghajta kbira) Alla tieghi!...XUgara? Alberto! Alberto!.....

Alberto: (Bi sforz kbir:) Giorgino!...Giorgino hazin hafna...

Elena: (Miblugha u mwerwra fl-istess hin:) Giorgino? Giorgino? Xi gralu? X'gara? (Alberto jhares imbazza' lejn Dani) Imma... ghaliex qed thares lejh b'dal-mod? X'gara? Ghidli x'gara... (Tipprova tersaq lejn il-bieb ta' fuq il-lemin)

Alberto: (Waqt li jaghmel kuragg lilu n-nifsu) Ieqaf!... Giorgino .. bhal m'ghedtlek.. hazin hafna... Ahna baghtna nfittxuk... Kont qed nittama li sakem tasal, inkunu ga tgharrafnilhek xi haga....

Elena: Baghattu tfitxuni??? U lil min baghattu? Jien ma naf b' xejn.

Dani: Sinjura... ikkalma.... (Lil Alberto) Imma, x'gara,.

Elena: (Tipprova tghaddi gewwa) Imma... hallini mmur narah! Jiena ommu.. Irrid naf xi gralu....

Alberto: (izommha) Stenna!... Stenna ftit!... Bhall-issa, jinsab mistrieh...(l-ahhar kelma tintilef fi tneghida.)

Elena: (Tehles minnu u tigri lejn il-bieb. Fuq il-bieb jidtacca Augusto. Tieqaf; terga' pass l-ura, mbazza'. Ma baqaghlhiex forza tibqa' mixja, bhalli kieku qrat x' gara fl-espressjoni ta' missiera). Halluni... halluni..

Alberto: (B'lehen fgat, bil-maktur f'halqu, lil Dani:) Miet!...

Dani: (Miblugh) ~~Xx~~ Eh??? X'ghedt?....

Elena: Waqt li t-tnejn l-ohra qeghdin jitkellmu) Papa' Papa'...

Augusto: (Jipprova jzommha huwa wkoll, imma tehles minnu u tibqa' Diehla. Alberto jitlaq jigri warajha. Augusto javvanza fil-kamra u bhal wiehed iddisprat:) Anqas biss irnexxielna nippreparawha.. Dan li gara huwa tat-twerwir...(Jaqa' bilqeghda fuq pultruna).

Dani: (Ansjus, jersaq lejh) Professur.....

Augusto: (Irosslu idu imbagghad jibqa' bla ma jidharrek, b'rasu fuq il-pali t'idejh).

Francesco: (Jidhol mill-bieb tal-gnien fuq ponot subghajh, jersaq lejn Dani u minn taht lsien:) Is-sinjura, kienet mieghek?

Dani: (Minn taht l-ilsien) Iva... Dahlet gewwa... Taf b'kollox.

Francesco: (Bhal wiehed li serrah rasu, jirrespira nifs qawwi)

Dani: (Dejjem minn taht l-ilsien, lil Francesco) Imma, x'gara? Kif kien il-kaz?

Francesco: Disgrazzja... Iffoga... iffoga f'zerriegha ta' l-gheneb.

Dani: Imma possibbli? Possibbli li ma stajtux issalvawh? Imma kif jista' jkun???......

Francesco: (Jindika lil Augusto) Il-Professur kien hdejh... Tista' tahseb jekk ippruvajniex insalvawh.

Dani: Imms, allura kif ma ppreparajtuhiex lis-sinjura? Ma stajtux........

Franceso: Ilna siegha nidhabtu biex insibuha...Mita d-destin ikun irid hekk, ghalxejn, taghmel, x'taghmel.. ittelefonajna, grejna kullimkien, ilkoll kemm ahna... Donnu kienet xi sahta missema.

Augusto: (Iqum)

Dani: (Professur... jekk nista' niswielek xi haga...

Augusto: (Johodlu B'idejh) Grazzi... grazzi, habib... dawn huma sitwazzjonijiet li wiehed ma jaghrafx jghid x'ikollu bzonn u l-hbieb twajbin bhalek, minn-naha l-ohra, ma jgharrfux x'ghandhom jaghmlu... Nittama li l-edukazzjoni li tajt lil binti u l-mod kif rabbejtha, iqawwulha qlubitha ~~xxxxxxxxx xxxxxxxxxx~~ biex tkun tiflah tirrezizti ghal din id-disgrazzja... (Jerga' ja ghfaslu idejh) Mill-gdid, nizzikkhajr, Dani.

Dani: Jekk ikollok bzonni....

Augusto: Grazzi... De Mari jinsab hawn ukoll.

Dani: Kif joghogbokm Professur....(Jerga' jaghfaslu idejh u wara ftit bhal wiehed li ma jafx x'ghandu jaghmel, johrog fuq ponot subghajh, bil-mod, il-mod ,waqt li jsellem bla kliem lil Francesco.)

Francesco: (B'lehen baxx) Tikkmandani xi haga, Professur?

Augusto: (Jibqa' b'rasu baxxuta, bla ma jitharrek u bla ma' jwiegeb)

Francesco: (Johrog bil-mod il-mod)

Elena: (Ilbiesha jidher f'disordni, xaghra mhabbel, l-esspressjoni ta' whada miblugha.)

Augusto: (Bhall-issa f'binthu qieghed jilmah Spettru li donnu qed jgheddu. Kwazi jtemtem:) Ele...na....

Elena: (Lehinha, wiccha, jurru li qegheda taghmel sforz kbir biex qegheda tirresizti dik id-disgrazzja. In-niket li qegheda jssofri huwa tant kbir li juri li tinsab taht l-influenza ta' xi hmar il-lejl. Kliemha hu car imma lehinha mhux dak tas-soltu) Papa' tkellem.... ghidli kollox... niflah nisimghek.

Augusto: Ghaziza binti... Hekk kellu jkun.

Elena: (Implakkabbli) Irrid naf... Irrid naf kollox... Irrid naf minnek stess . tkellem.

Augusto: X'jiswa li nghidlhek? Kienet disgrazzja... disgrazzja terribbli... disgrazzja li hadd ma setgha jimmaginaha... hadd ma setgha jobsorha.... Qalulhekk xi haga?

Elena: Iva qaluli xi haga... Qaluli li jffoga, imma jien ghadni ma fhimtx sewwa... Ghadni ma nistghax nifhem.. Inhoss rasi... Qieghed tifimni? Inhoss li... inhoss li.... (tghid xi kelma li ma tiftiehemx, imbaghad b'ghajta) Imma le!...Le!.... Le!...(Taqa' fuq pultruna)

Augusto: (Kommoss) Elena!... Nitolbok... Taghmilx hekk...

Elena: (Tqum u tigri lejn il-bieb tal-lemin, waqt li b'ghajta iddisprata) Serquli lill-ibni!... Minn???? Min seraqulhi? (iddur u tersaq lejn missierha) Int!... Iva int!... Int sraqtli lill-ibni... Int, iva... Imma kif stajt taghmlu dan? Kif? Ghidli kif?.

Augusto: Elena!... Nitolbok.. hares lejja... Ikollok hniena... Ghamel kuragg... Jekk Giorgino kien ibnek, int binti...

ghalhekk ibnek huwa demmi... ahseb ftit kemm kont inhobbu .. jien kont nghix ghalieh, daqshekk, anzi aktar minnek....

Elena: (Tidher li ma semghetx kliemu, issegwi l-hsieb li ghaddej minn mohha) Int? Imma, kif? Lilek, illum, id-dinja tgharrfek bhala bniedem gharef... tbaxxi rasha ghall-erf xjenzat tieghek... Int hliest eluf ta nies barranin... sraqt minn taht idejn il-mewt, nies li kienu immankati... Int tajt l-hajja nies li kienu waslu f'tarf hajjithom u lilu, li ma kienx marid, li kien mimli bis-sahha... li kien qisu warda.... hallejtu jahrab minn taht idejk..... (Tieqaf bhal wahda skantata, imbaghad b'lehen gholi) Le!.. ibni mhux mejjet!... Ma jistghax jkun li ibni m'ghadux maghna... Siegha ilu, kien hawn... jilghab maghna.... jaqbez, jidhaq, jiggerra mad-dar kollha,... ma kellu xejn.. kien f'sahhtu... u issa... wigibni... issa, x'differenza hemm fih? Ma nafx... le, ma nafx... s'issa ghadu bhal qabel .... wiccu ghadu sa bieh.... ghadu bil-lewn.. imma qalbu .... qalbu waqfet... ebda sinjal ta' hajja...(Tirrepeti) ebda sinjal ta' hajja... (Pawsa, imbaghad tghajjat:) Le!.. Ibni m'ghadux haj...qieghed tifhimni?? Ghidli, xi tfisser dil-mewt li harget rebbieha fuqek?....li rebbhitlek minghajr m'issieltet mieghek? Rebbhitlek minghajr tahbit ta' xejn .. Fissirli int ghaliex... Jiena rrid naf... Jekk ibni ghadu bhal qabel, ghaliex ma nistghax intieh in-nifs tieghi... Ghaliex int ma tistghax ittih il-hajja mill-gdid? Dan int m'gharaftx taghmlu u allura? X'tiswielek ix-xjenza? Ghalfejn ifahhruk? Ghalfejn jiftahru bIk?

Augusto: Binti... tghidux kliem bhal dan.. Inti taf... in-natura ghandha ligijiet li ma jahfrugha lil hadd. ligijiet li hadd ma' jista' ghalihom... ix-xjenza wkoll ghandha sa fejn tista' tasal... ghandha l-umiljazjonijiet taghha.. il-hajja m'hix f'idejna....

Elena: Allura... f'idejn minn hi? Min hu dan is-Setghani? Min hu dan il-kiefer.... Dan sgur li m'ghandux qalb biex jisraq kreatura b'dal mod... (Tghajjat mill-gdid) Le!...Le!... hemm xi hag'ohra l-int ma tafx tfissirieli... Hemm xi haga li ma tridx turini biha...

Alberto: (Waqt li jidhol, segwit minn De Mari. Jersaq lejn Elena)

Elena: (Tilmhu) Thares lejh B'harsa stramba, imbaghad tindirizah b'lehen stramb) U int? Int? Int ukoll? Int ukoll ma kontx taf? Hallejthom jisirquhulek, hekk, bla m'ghedt kelma wahda? Ibnek!... Il-kreatura tieghi.... Imma, kif jista' jkun? Jiena rrid naf!.... Irrid naf!... Iva, jehtieg li nkun naf... Jiena ommu!... Giorgino kien tieghi!...tieghi, qieghed tifhimni? Irridek tghidli, ghaliex, bla ma kien marid, bla ma kellu xejn, issa, qalbu waqfet... m'ghadiex thabbat bhal qabel... Ghaliex? Minn hi dil-mewt hekk setghana? Xi tfisser hajjitna? (Tersaq lejh u b'idejha mghaqqda f'ponnijiet, thabbat fuq sidru:) Int!... Int!....

Alberto: Elena... Ghamel kurragg... Ghin ftit lilhekk n-nifsek.. Hares lejja....

Elena: (Bhal wahda li giet milquta minn hsieb ikreh) Le!... Dan, ma nemmnu qatt... Le... ma jistghax ikun li nemmem dak li qaluli... Ghiduli... Min ferich, hawn, fi grizmejh (Tmiss grizmejha biex turi fejn hi l-ferita) Forsi, waqa'? Korra? Int taf x'gara... Irridek tghidli l-verita'... kollox bla ma tahbili xejn.

De Mari: Imma sinjura .... kif jista jkun?

Elena: Iva... Xi hadd ferieh ... Xi hadd ivvendika ruhu minnu, minni u minn ek ukoll. Dahal xi hadd bil-mohbi taghkhom waqt li kien hawn kullimkien miftuh... Xi hadd ghamel vendetta minna lkoll, imma l-aktar minnek papa'.

Augusto: (Imriegħed) Minni????

Elena: (Perswasa, kwazi bla nifs) Iva!... Iva!... Il-fama li għandek... Is-sengħa xjentifika... Il-ġid li għandek... Int għandek l-għedewwa... Għandek min jobogħdok u għalhekk, tħallsu minnek... Imma min??? Min???

(F'dan il-waqt fuq il-bieb tal-ġnien jitfacca t-tabib Claudio. Jidher beżgħan, imriegħed u m'hux jiesogra jiftaħ ħalqu. Elena, tilmħu u b'qilla kbira tindikah b'idejha u u tgħajjat)

Hu!... Iva, hu!... Hadd ħlief u!...

(Mitlufa tagħti salt għal fuqu)

Alberto: (Waqt li jżommha) Imma, x'inti tgħid? Elena!...

Elena: (Tgħajjat) Iva, hu,... hu seraqulhi...
(Taqa' tibki fuq pultruna)

SIPARJU BIL-MOD

Musika:..................................................

## TIENI ATT

L-istess xena ta' l-ewwel att. Ghaddew madwar tliet xhur. Claudio u Alberto jinsabu f' tahdita bejniethom.

Musika: ..............................

Claudio: Alberto, m'hemmx ghalfejn tinkwieta ruhek daqshekk....

Alberto: Claudio, jien m'inhix ninkwieta ruhi, imma ninsab iddispjacut, inhossni umiljat quddiemek..... Kienet xena li ma' ninsieha qatt.. Qatt ma stennejtha... L-ghada stess ridt nigi nsibek halli nitolbok skuza, imma taf int... dak li gara ma hallieli mohh ta' xejn ghajr dak li niehu hsib marti. Hsibt li mbeghedha ghal xi ftit minn hawn... b'xorti tajba rnexxieli... Ilna xahrejn imsifrin u kif wasalna l-ura, fittixtek, imma qaluli l-int kont imsiefer ukoll.

Claudio: Iva... kont qieghed Berlin... Wasalt ilbierah u billi qaluli l-int gejt tfittixni....

Alberto: Ghamilt sewwa gejt, anzi nirringrazzjak... Kont ansjus hafna li nitolbok skuza.

Claudio: Tghidx hmerijiet.... Xi tridni niskuzak? Ghalkemm naf li l-kunjatu ma tantx igibni, dak inhar, jien, hassejt ghalich.. hassejt li jien nqast minn dmiri meta kif smajt b'dik iddisgrazzja ma gejtx nigri hawn... Fin-nikct, hemm bzonn li wiehed jinsa kollox.... Dan, jghidulna Alla n-nifsu. (Pawsa) Mill-banda l-ohra, kien hemm raguni ghaliex hassejtni li nqast... l-ahbar, sakemm waslet f'widnejja, bla ma naf kif. ... kibret hafna. L-isptar bdew isemmu xi hallilin li dahlu fil-villa u biex jisirqu, qalu li qatlu lis-sefturi u littifel... Il-hsieb l-int, kollega tieghi, stajt gejt... fi ftit kliem, qbadt karrozza u gejt hawn.

Alberto: Id-disgrazzja ma kienitx kbira daqshekk, imma kienet kbira bizzejjed... (Jiehu nifs qawwi) Jiena nahseb l-int fhimt x'kienet l-akkuza ta' marti.

Claudio: Kienet haga naturali... F'dawk il-kundizzjonijiet, l-imsejkna, milquta hekk ghal gharrieda minn di id-disgrazzja, riedet tfittex lil dak li qatel lil binha.

Alberto: Lil dak li xtaq dil il-vendetta......

Claudio: Naturali li dan tarah fil-ghadu ta' missiera jew biex nghid ahjar f'dak li l-ilsna hziena pingewh bhala ghadu tieghu... Jiena nghidlek li m'hemm xejn minn dan... Lil Professur jiena nammirah.. Forsi ma naqbilx f'kollox, flopinjonijiet tieghu... Nikkumbatti t-teoriji tieghu, jekk m'hux kollha, x'uhud minnhom, imma bhala bniedem studjus, jiena nirrispettah... Oh!... Kieku n-nies kienu kollha bhalu, kieku gisimna, jekk m'hux ruhna wkoll, jista' jghix fil-paci.

Alberto: Sewwa qed tghid.....

Claudio: Habib, jiena ser inhallik...(Waqt li jkun sejjer) Bilhaqq, is-sinjura, kif inhi?

Alberto: X'jidhirlek? Ninsab inkwiet hafna... Mindu waslet missafar, ghaxart-ijiem ilu, ghadni ma nissugrax inhallieha wahidha... Bil-lejl u bin-nhar, ma navdaha imkien... Nittanta nsabbarha, imma ghalxejn... u issa, qed inhoss li ghandi bzonn minn isabbar lili wkoll....Inhoss li qed nitlef l-ghalmu tieghi... Ghandi bzonn niehu ftit hsiebi... minhabba fiha, qed ninsa lili n-nifsi.

Claudio: Alla jkollu hniena minnkhom... isabbarkhom... itikhom il-kuragg... f'did-dar, Huwa jinsab minsi u allura... Sewwa qed nghid? (Wara pawsa qasira:) Kuragg... kuragg, tabib Arivederci.... (Jibda hiereg).

Alberto: Iva... Arivederci... Nittama l-int tibqa' tigi tarana...!

Claudio: Lilek, nizzikhajr minn qalbi, imma nibza li hatnek ma jiehux gost jarani hawn. Huwa s-sid ta' did-dar.

Alberto: Li wiehed ikun sid tal-bini, ma jfissirx li jkun il-kmand ta' kollox... Jekk ghandi pjacir bik jien....

Claudio: Kliemek qed jaghtini gih .... qed jaghmilni ferhan....... Nizzikhajr....Bongornu Professur...(Johorgu t-tnejn. Fil-bieb tal-gnien, jiltaqghu m'Augusto li jkun diehel. Ihares sorpriz lejn Claudio li bhall-issa qed isellimlu billi jinkina quddiemu, bla kliem. Ix-xih itieh harsa kerha, ta' disprezz. Alberto iwassal lil Claudio u wara ftit jerga' jidhol.)

Alberto: Destin ta' dal-bniedem li kull meta f'did-dar jigi offiz. Xahrejn ilu, dik ix-xenata li ghamlet Elena... illum, int ukoll...

Augusto: Imma, b'did-differenza... Jekk dak inhar, Elena, ma kellhiex ragun timxi mieghu b'dak il-mod... jien, ghandi elf ragun, m'hux wiehed.

Alberto: Dan l-agir xejn ma joghgobni......

Augusto: Jissobbija... X'int tistenna minna minni, li jiena nilqghu f'dari bil-ferha? Bniedem ipokrita... pulcinell religjuz..

Alberto: Kliem bhal dan ma jixraqlekx tghidu .... ibaxxik...jaghmillek ghajb...

Augusto: Jaqaw, ikkonvertejt? (Jidhaq)

Alberto: Bhall-issa, m'ghandix mohh li nikkonverti... M'Hix kwistjoni ta' religjon ta' edukazzjoni... Billi t-tabib Arteni sejjer qassis, m 'hu ser jitlef xejn mix-xjenza u mill-gherf tieghu... Huwa bniedem li...

Augusto: Bniedem li ilu jahdem kontra tieghi ghaxar snin... ghaxar snin shah... qieghed tifhimni? Il-glieda tieghu, hija glieda vili, glieda baxxa... Huwa jrid iwaqqaghni ghaccajt... lili... lil missier l-mara tieghek... lis-surmast tieghek tax-xjenza.

Alberto: (Ftit ironiku) Naf ... naf....

Augusto: All ura?....

Alberto: Allura... jidhirli li x-xjenza, ma tantx thobbha biex taghti kaz tan-nies daqshekk....(Ghal mossa ta' rabja li jaghmel Augusto) M'hemmx ghalfejn tishon.... nitolbok u jekk jista' jkun ma nibdewx niddiskutu... dan, ikun hazin, kemm ghalik u kemm ghalija... Dan biss nghidlek... int taghmel tajjeb hafna jekk toqoghod tahseb fl-agir tieghek. u issa, irrid nitolbok li meta jigi jzurni t-tabib Arteni...

Augusto: Imma kif? Kif tridu f'darek?

Alberto: Jekk jigi... jekk jhoss li ghandu jigi jarani, jiena nilqghu bil-qalb kollha u nerga' nitolbok...

Augusto: (Jaqtaghlu kliemu) Ghalxejn tghidli... Int haga wahda trid... Trid li meta jigi hu, nohrog jien... Din haga hafifa hafna.

Alberto: M'hix haga hafifa, imma ghall-inqas, haga li tista' tiswa ta' gid.

Augusto: (Inkurlat) Tajjeb... meta jidhol, hu, nohrog jien.... nohrog ghal dejjem.

Alberto: Papa'... Nitolbok tiftakar li f'dak li gralna, hu biss kien li gharaf jinsa....

Augusto: Ghamel hazin... li tinsa, hija virtu' tal-boloh... u jekk huwa nesa, ma jfissirx li jiena nsejt ukoll.... fil-kwistjoni taghna, jehtieg li ninsew it-tnejn, ghaliex jekk le, ma jiswa xejn.

Alberto: Il-mewt tista' thassru dak li ghandna miktub mohhna..... (Jaghti daqqa fuq mohhu)

Francesco: (Jidhol u jersaq lejn Augusto) Professur....

Augusto: Ghidli, Francesco.......

Francesco: Ir-rettur tal-Universita' jixtieq ikellmek fuq it-telefon.

Augusto: Nigi nkellmu...(idur fuq Alberto u waqt li juri li ghadu nkurlat)... Dak li ghandi miktub f'mohhi... xejn m'hu ser ihassruli... anqas il-mewt. (Jaghti daqqa fuq mohhu)

Alberto: Meta wiehed ikun irrabjat, jghid hafna xorti.

Augusto: Infakkrek li jekk il-habib tieghek gharaf jinsa... baqa' jiftakar haga wahda...baqa' jiftakar lil martek.

Alberto: Papa!... Proprju int iggaghalni nahseb dan?

Augusto: M'inhix ngaghlek tahseb... qieghed infakkrek fil-fatti...

Alberto: Li wiehed jahseb hazin f'Elena wara dak li gralha, m'hux biss hija haga ngusta imma haga kiefra.

Augusto: Jien m'inhix nahseb hazin fiha... Il-virtujiet li ghandha binti, nafhom tajjeb... Jiena fih nahseb hazin.

Alberto: Imma, din... din hija brafa ta' l-Imghoddi... Mur, mur, papa', ghaliex ir-Rettur qed jistenniek.

(Augusot johrog. Alberto jibqa' ghal ftit imhasseb. Pawsa. Jidfacca fuq il-bieb ta l-gnien, Dani)

Dani: (Waqt li jhabbat bil-mod mal-bieb) Ser infixxklek, tabib?

Alberto: Le, le, ghaziz Dani... Ghaddi... oqoghod bilqegheda.

Dani: Gejt naghtik risposta dwar il-villa. Hija u l-kunjata, dis-sena m'Hux behsiebhom imorru fiha ghaliex behsiebhom isiefru. Aktarx imorru Beyruth jew Salisburgo, ma nif takarx tajjeb, biss, imorru fejn imorru, il-villa ser tkun battala,... jekk tridu, tistghu tghaddu x-xahar ta' Settembru fiha... Dik il-Villa tinsab fl-aktar post kwiet li hawn fid-dinja... Diffikulta wahda hemm.. Hija ma jridx jisma bi flus... u ghandu ragun hafna... li joffri l-villa tieghu ghad-dispozizjoni taghkhom huwa gih kbir ghalih.

Alberto: Nizzikhajr... nizzikhajr minn qalbi, habib... Jiena nahseb li m'ahniex ser nitharrku minn hawn.

Dani: Jaqaw is-sinjura, rega' bdielha?

Alberto: Nghidlek is-sew, kienet idea tieghi.....

Dani: Ah!... Allura bilfors... meta l-idea tkun tar-ragel, m'hemmx dubju... qatt ma tirnexxi.

Alberto: Le, le... m'hux ghalhekk... il-fatt hu li Elena ma tridx tidbieghed minn hawn.

Dani: Imma dan, ma jistghax ikun... Tabib, int hemm bzonn li tordna li jsir dan.... Jehtieg li tbeghedha ghal ftit minn hawn... Hemm bzonn li jdderrilha.

Alberto: Tahseb li dan ma nafux? Minn dak in-nhar li ergajna lura wahhlet f'rasha li ma tridx tohrog minn hawn... Ma tridx tirraguna izjed... Jiena ma nafx... Issa jiena wkoll qed nimpressjona ruhi... Irnexxieli nohodha Ruma, Napli, Nizza, Cannes.... Bilhaqq... dan, int, tafu hux tassew?

Dani: U sgùr li nafu... Ma konniex iltqajna?

Alberto: Ghandek ragun... Iva, issa qieghed niftakar... Konna ltq ajna f'dik il-lejla li konna morna Capri.

Dani: Dak in-nhar irnexxielna ngaghaluha tidhaq... Kont jien li tajjartilha dawk il-buli minn fuqha.

Alberto: Jien ghamilt minn kollox biex inderrilha... ghamilt aktar milli stajt, imbaghad meta rgajna lura, kellha reazjoni.. derilha li ghamlet delitt meta kienet tbeghedet ghal ftit mid-dar... minn dik il-kamra fejn kien miet it-tifel... mis-sodda tieghu... minn dawk il-gugarelli li soltu kien jilghab bihom... Met wasalna, marret inqaflet fil-kamra tieghu u baqghet hemm gew aktar minn erba' u ghoxrin siegha, bla ma titkellem... bla ma xerdet demgha wahda... meta kellimtha u hajjartha biex nghaddu s-sajf fil-villa ta' huh, haditha mieghi u qaltli li dak li kienet qegheda ssofri, kont nahtih jien....

Dani: Qed jiddispjacini nisimghek tghidli hekk... Kont qed nittama....

Alberto: Jien ma nafx x'ghandi naghmel izjed... Ili aktar minn xahrejn ma mmiss xoghol b'idejja.. qed nittraskura xogholi, il-klienti tieghi, l-istudju... l-iskola u dan qed naghmlu biex m'inhallihiex wahidha... biex noqoghod insabbarha... biex ingaghalha, ma rridx nghid tinsa ghaliex din haga li ma tistghax tkun, imma ghall-inqas, nalienaha xi ftit.. Milli jidher, kollox ghalxejn... inhossni qisni x'irsir, inkaxkar il-ktajjen li l-Hniena rabtitli ma' riglejja.... Iva, xejn anqas minn hekk.... In-niket li nsoffru fil-hajja, kollu jigi mis-sentimenti taghna... imma, x'nista' naghmel? Elena hija marti... jiena nhobbha...

Dani: Ghandek ragun... imma int, jehtieg li tahseb xi ftit fik in-nifsek ukoll... int gejt milqut mill-istess disgrazzja.

Alberto: Hazin ikun ghalija jekk nghidilha kliem bhal dan... In-niket li qed insofri jien ma jistghax jixxiebah ma' dak li qed issofri hi... Dawn huma disgrazzi li ma jintemmu qatt .... Inhossni qed nghix f'dak il-jum li gratilna dik id-disgrazzja... Il-ferita li garrabt, ghadha l-istess bhal ta' dak inhar.. ebda differenza... ebda titjib....

Dani: Imma.... ma jistghax ikun li tibqghu sejrin hekk... Hemm bzonn li bhala tabib.. jekk m'hux bhala zewgha, tindahal u jzommilha iebes.

Alberto: Eh, ghaziz habib... li tippretendi li tabib jemmem tabib iehor huwa zzejjed.

Dani: Allura?

Alberto: Allura, inhallu z-zmien idewwi dil-ferita.

Francesco: (Jidhol) Dott, hawn sinjura, trixtieq tkellem lis-sinjura Elena.

Alberto: Hemm bzonn tghid lili?

Francesco: Ahfirli, imma billi ma sibthiex... lil dis-sinjura qatt ma naf li rajtha.. Qaltli li kienu jmorru l-kullegg flimkien.

Alberto: Is-sinjura qegheda fil-gnien... Ma rajthiex?

Francesco: Nghidlek issew, fil-gnien ma fittixthiex.

Alberto: Mur ghidilha li hawn min irid ikellimha... mur, mur tistbix tersaq lejha.

Francesco: Imma, dott...

Alberto: Mur,.. mur ghidilha li hawn din is-sinuura... Ghidilha li jehtieg tilqaha.

Francesco: Tajjeb. (Isellem u johrog)

Alberto. Ma nafx min tista' tkun din is-sinjura... Hi min hi, dejjem tajjeb li gie xi hadd jaraha... Jiena nitlob li jigu jarawha ucuh godda ta' sikwiet... dawn, jalienawha.

Dani: Ucuh godda!... Sewwa qed tghid... Wicci, issa, xebghat tarah... Tajjeb, immur... fhimtek int qed tibaghtni indirettament.

Alberto: (Iheddnu mieghu) Ghaziz Dani!... Trid ticcajta, bux tassew? Ah! kieku nistghu niccajtaw bhal dak iz-zmien ta' zoghozitna.

Dani: Tibzghaz... ghad jigi z-zmien li nkunu nistghu niccajtaw mill-gdid... u dak inhar, jehtieg li nissieltu b'hilitna kollha mat-tweghir tal-hajja... dak inhar inzommu ruhna sodi u ma naghtux ruhna b'mirbugha, hafif, hafif...(Pawsa) Jehtieg li nsibu xi kura gdida... xi haga li teqred il-mikrobi mill-bniedem... neqirdu minnu l-buli u ntuh fuq nafteja dik it-tbissima li taghmlu hieni...

Alberto: (waqt li jaqbdu minn drieghu u flimkien jimxu lejn il-lemin) Ghaziz habib... Imxi mieghi... irrid nurik xi haga nterssanti, xi haga kurjuza... Tiftakru lil Professur Pavis li kien jghallimna l-matematika?

Dani: Dak il-mignun? Il-matematika hija fissazzjoni... Allura?

Alberto: Ridt nghidlek li l-Professur... (Jidhlu u kliem Alberto jintilef)

Elena: (Tidhol mill-bieb tal-gnien, segwita minn Maria li hi x'aktarx ta' l-istess eta' taghha. Tidher li hi ghanja) Gheddi, gheddi, Maria.

Maria: Grazzi... m'irridx nfixklek, Elena..

Elena: Xejn, xejn,.. Ilna tant ma niltaqghu.. (Tqieghed fuq il-pultruna Teddy bear li jkollha f'idejha).

Maria: Kieku ma smajtx bid-disgrazzja li gratilkhom, ma nafx konnhiex nerga hu niltaqghu.. Naf li ma kien jonqsok xejn u ghalhekk...

Elena: Eh!... Ghaziza tieghi... l-ghana ma jfisser xejn meta m'hemmx hena... l-hena hija l-istess haga bhas-sahha.. Din, tkun taf x'inhi swa meta titlifha.

Maria: Ahjar ma nitkellmux fuq dan.. Jiena ma gejtx biex noqoghod insewwidlek qalbek...

Elena: Issewwidli qalbi? Jiena dejjem qalbi sewda...Hajti hija l-istess bhal magna li tahdem bla ebda skop.. Il-kurzita'

wahdanija li ghandi fil-hajja, hija dik li nistaqsi lili n-nifsi: "Ghalfejn qeghed nghix?"

Maria: Hemm bzonn li jsib raguni... issib skop li tghix ghalih.

Elena: L-Iskop tieghi huwa l-Impossibbli....

Maria: B'dan kollu, jehtieg li ssib skopijiet ohra...Int ghandek ir-ragel... Ghalih hemm bzonn li taghmel biltek...jehtieg li tkun qawwija, qalbiena... Inti taf... l-irgiel ma jhobbux jaraw biki fid-dar... jiena qeghed nkellmkek ta' mara bla esperienza imma din hi l-verita' anki l-injuranti, x'imdaqqiet jistghu......

Elena: (Taqtalha kliema, bil-hlewwa) Imma ghaliex tarmi lilhekk in-nifshek daqshekk? Bqajt bl-istess drawwiet ta' meta' kont ckejkna... iva, bqajt l-istess... Jekk int injuranta, jien, m'inhix gharfa aktar minnhek... Wara kollox, bl-injuranza taghna kollha, it-tnejn konna l-Universita', m'hux tassew?

Maria: Iva... int kont hadt il-lawrea... jiena, le.

Elena: Ghandek ragun... Ghal dak li wiehed jitghallem fl-Universita'.

Maria: Ara, hallina minn dan.....

Elena: Maria, (Tqum inkwieta bhal wahda li giet milquta minn xi hsieb ikreh) In-niket li laqghat lili, m'ghandux tmiem.. Inhoss xi haga qegheda trossli qalbi l-hin kollu...bla waqfien... xi haga, taghfas... taghfas aktar bil-qawwi... Ma nistghax infissirhielek... Int ma tistghax tifhem x'jien insofri....

Maria: Lili, tghid hekk, ghaziza tieghi? Proprju lili?

Elena: (Sorpriza tiftakar f'xi haga) Ghandek ragun.... (Tersaq lejha u bhal wahda li trid tizkuza ruhha) Ghandek ragun ... Ahfirli...kont insejt... int ukoll... iva,.int ukoll gralhekk bhali.

Maria: (Tiehu nifs qawwi) Kien sewwa, sew daqs tieghek... jekk nifta kar sew.. Hames snin...Kienet gratli kwazi l-istess disgrazzja, anzi, forsi xi ftit akbar... (Tikkoregi lilha nfisha) Ahfirli!... Ghall-ommijiet, id-disgrazzi kollha xorta wahda... kollha jsofru l-istess... Ghalija, kienet tragedja li laqtitni bhal sajjetta.... sajjetta li ghamiet...

Elena: (Bhal wahda li trid turi li nsiet dik id-disgrazzja) Ghandek ragun... Niftakar, jekk ma nizbaljax... kienet...

Maria: Karozza... Konna fil-kampanja, fil-Villa tal-Mama'... Hareg jigri mill-kancell tal-gnien... Gibuhuli d-dar ga mejjet... (Tghatti wiccha b'ideha. Pawsa twila).

Elena: (Thares lejha, tnehhilha idejha minn fuq wiccha u bil-hlewwa) Ghandek ragun...(izzighel biha, mreghda) Imma ghaziza tieghi, ghidli ftit... ghidli, kif ghamilt biex stabart.... biex ghext... biex irreziztejt l-hemm ta' dik id-disgrazzja? Jien nghid ghalija, ma niflahx nirrezizti izjed... kull jum li jaghaddi minn fuqi, nhossni aghar.... inhossni mixja f'xi kuritur, fid-dlam, bla ma nista nasal f'tarfu... Dad-dlam li jarani mixja fih... ma nafx kif nibda nsejjahlu... Mewt? Genn ? Inhossni mirbuha ghal kollox... Tlift is-sabar.....b'xejn ma nista' nikkonsla ruhi... Ghidli... ghidli... kif ghamilt biex flaht tirrezisti sal-lum. Kif ghamilt biex ghext daz-zmien kollu?....

Maria: Ghall-omm, jghaddi kemm jghaddi zmien, dejjem qisu l-bieraħ. Iva... Ghaddew sitt snin... imma, anki kieku ghaddew ghaxra... kieku ghaddew ghoxrin...

Elena: Sewwa qegheda tghid... Allura, kif ghamilt?.

Maria: (C'semplicita' kbira u bi tbissima) Billi niftakar li ghad irrid nerga' narah... li ghad nerga' narah... li ghad nergghu niltaqghu...

Elena: (Tinhasad) X'ghedt??? Terga' tarah????

Maria: U zgur.....

Elena: Imma fejn..?

Maria: Fejn? Fis-Sema!... L-ulied ma jmutux... imorru qabilna

Elena: (Tidher tidbissem, bhal wahda li trid tiddiehed b'dak li qaltilha, bhal wahda li ma temminx f'affarijiet bhal dawn. Tghidx bmerijiet.

Maria: X'igifieri bmerijiet? Hija haga tant sabieha... tant ta' konsolazzjoni....

Kieku kien tassew, iva, kienet tkun haga ferm sabieha, ... dak li ghedt m'hux ghajr hrafa... Naghli ghalik li toqo... timla rashek b'affarijiet bhal dawn.

Maria: (Ftit imhawda) Kont insejt l-int bint il-Professur Augusto Selva... Skuzani.

Elena: Le, ghaziza tieghi... Nahfirlhek... (Tidher li giet milqu... minn xi hsieb. Thares lejn Maria... tiflieha minn fuq s'isfel) Le ma jistghax jkun li kien dan it-twemmin li gaghalhek tikkonsla ruhek... li gaghalhek idderri u tis-tabar...

Maria: Ghaliex le? X'setgha jikkunslani u jsabbarni jekk ma kienx dan it-twemmin? Min? Ghidli min? Il-Bnedmin? Kull bniedem ghandu id-dwejjaq tieghu... dawn, jistghu juru li qeghdin isofru ghad-disgrazzi ta'haddiehor, imma ibqa' ... sgura li taht dik il-maskra jkun hemm mohbija l-ipokrisij... ....ipokrisija fina... Meta xi hadd mill-ghezież taghna imur, id-dinja ma toffri xejn lil dawk li jibqghu wara... il-miskin hu min jibqa' haj.

Elena: Dan it-twemmin jista' jkun konvenienza biex il-bniedem ma jibqghax jibki tul hajtu kollha... Imma, meta' wiehed ik... ihobb bhal makont inhobb lil ibni jien......

Maria: X'int tghid, Elena? Tahseb li jien ma kontx inhobbu lil ibni? Jien ma kellhiex hlief lilu.. b'xorti hazina ma kellix tfal izjed u anqas jista' jkolli... hekk ghogbu Alla. Jien ghadni nsofri daqskemm kieku dik id-disgrazzja grat ilbieraħ, imma nikkonsla ruhi ghalix naf li dan in-niket ghad jintemm.

Elena: Jintemm? (Dejjem bhal wahda skantata)

Maria: Iva... xi darba ghad jintemm... jintemm dak inhar li jien naghlaq ghajnejja.. dak inhar... jien, nibda hajja gdida...

Elena. Maria... Int kont studjajt filosofija meta kont l-Universita'.

Maria Iva, b'daqshekk?

Elena: Int bqajt tahseb bhat-tfal... bhal boloh...

Maria: Iva, b'daqshekk?

Elena: Int bqajt tahseb bhat-tfal...bhal boloh.....

Maria: (Offisa, imma mhux iffastidjata) Bhal boloh? Ghaliex qieghda tara l-b lugha fi kliemi? Li kieku ma kontx naf li tirrispettani kont nahseb li qieghda tghidli hekk biex...

Elena: Le, le,.... ahfirli... imma ma nistax nifhem kif b'dawk listudji kollha li ghamilt bqajt tahseb bhat-tfal... Issemplicita' tieghek iggaghlni nithassrek.

Maria. U jien ghandi f' rasi li izjed ta' min jithassar lilek... Ghall-inqas hekk jidher minn dak li qieghda ssofri.

Elena: Maria, nerga' nghidlek... ma nixtieqx noffendik... imma naraha haga tad-dahq li tittanta tinsa disgrazzja bhal dik li sofrejt jien... bhal dik li sofrejt int ukoll... le, le ... ma jistax ikun li tinsa telfa hekk kiefra... hekk ta' qsim ta' qalb, billi tittama li ghad terga'tarah.

Maria: Ghaziza tieghi... jekk nibqghu niddiskutu sena shiha, sgur li ma niftehemux... Jien nixtieq l-int thoss dak li nhoss jien meta niftakar li ibni ghadu jeziztil.. Hazin jaghmel dak li jipprova jeqred minni dik il-haga li jien tant sgura minnha. Ahjar joqtolni milli jhassarli dan ittwemmin... Dan ma jfissirx li jien naf infehemek fejn u f'liema post tinsab il-genna... Le! Imma jien ghandi xi haga aqwa... ghandi l-fidi li tissigurani li hemm hajja ohra. Imsejkna Elena... Emminni, ma nistax nemmen kif irnexxielek tirrezizti dik id-disgrazzja;... kieku kont minflokok, sal-lum sgur ninsab taht it-trab.

Elena: X'inhu li jaghmlek daqshekk sgura?

Maria: Xejn. Alla jhares il-Mewt u l-Hajja l-ohra ma jibqghux izjed misteru... Elena, din li ma nistax nispiegalek, li temmem fil-mewt... f'dinja ohra huwa dan... Madankollu, il-misteri jghalmughomna... dan it-twemmin, uhud minna ghandha ragun... l-importanti hu jekk int'hix tghix hinja jew le.

Elena: Imma int thossok daqshekk sgura milli qieghda tghid?

Maria: Iva.

Elena: Igifieri... int ghandek f'rasek li terga' tarah? Tarah, hekk, bil-gisem bhalna?

Maria: Elena, il-gisem ma jfisser xejn... l-aqwa li narah,...dan ghalija, huwa bizzejjed... Ghall-Omm, il-gisem, il-gmiel, m'ghandhomx siwi... l-omm hija differenti ghal kollox minnisa l-ohra. L-Omm, hija l-ghajn li minnha titnissel ilhajja... Minghajr ma trid, thossha tingibed lejn Dak li jaghti l-hajja. Hekku ghaliex ma jistax ikun li ma tezizttix ghaqda spiritwali bejn l-Omm u Alla. Bilfors li l-Omm trid temmen f'alla. Kif tista tghix maqtugha minnu?

Elena: Daqshekk huwa sabih dat-twemmin tieghek?

Maria: Ghaziza tieghi... int ma tistghax tifhem kemm hi gaga sabieha li wiehed jemmem... il-haga wahdanija lijggaghalna nsoffru l-hajja, huwa l-hsieb li din ghad tintemm... kieku ma kienx hekk... Inhossni ma nistghax infissirlhek sewwa. ... kieku ma kienx hekk, kien ikun, qishek int, qegheda titlobni nfissirlhek id-differenza li tezizti bejn id-dawl u d-dlamm... haga li ma tistghax titfisser..... fid-dinja ahna naraw id-dawl... Fid- dinja l-ohra, naraw id-dlamm.. Dan hu kollox... Jiena qegheda nghix fil-kalma, fis-skiet fis-sliem... dak li grali m'hux hag'ohra ghajr firda

bejni u bejn ibni... Firda iebsa imma mhix firda ta'dejjem Nerga' nghidlek, ibni semplicimemt mar quddiem... mar qabli.

Elena: (B'lehen iehor) Maria...Maria.... Ma... Imma int, qatt ma tistaqsi lilhek in-nifsek jekk dak li ghandek f' mohhok hux veru?

Maria: Ghaziza tieghi... Il-verita' hija l-istess fidi...M'hix haga....

Elena: (Kommossa) Maria... Kieku da n it-twemmin kien jezizti fija ukoll...(Imreghda) Imma jien... (Dejjem tibdel lehinha Maria... Nitolbok li ma tabbandunanhix.... erga ejja arani...

Maria: Iva ghaziza tieghi... nigi... nigi bil-kundizzjoni li ma noqoghodux nitkellmu fuq dak li ghadda min ghalina... u anqas fuq l-argument li qbadna illum.

Elena: U ghaliex le?

Maria: Ghaliex jien gejt hawn biex nsabbrek biex nalienak.... il-hbiberija ghalhekk qegheda, bi ex tiehu sehem fin-niket ta' haddiehor... Jekk trid li jiena nigi nzurek... ma nitkellmux izjed fuq dan... Jiena nibda nigi ghalik bil-karrozzella... Taf hux veru li zewgi rrigalani zewgt-izwiemel... Min jarana ghaddejjin bil-parilja jahsbuna xi zewgt imgienen, imma xi trid taghmel... f'karrozza, kemm indum hajja, jien ma nirkibx izjed... meta ipprùvajt nirkeb hassejt emozzjoni kbira.

Elena: (Tibqa siekta, thares cass fil-vojt)

Maria: Se' nhallik, ghaziz tieghi... Sar hafna hin....(Tqum)

Elena: Ibqa' kull maghna....

Maria: Kif naghmel?... Zewgi qed jistennieni... Bilhaqq... illum, ghandna l-mistidnin... Tibzghax... jiena nerga' nigi narak ... ma nonqosx min kelmti.

Augusto: (Jidhol in xena jitkellem ma xi hadd li qieghed gewwa) Gibuli hawn.

Maria: Il-papa' tieghek... Igibli suguzzjoni....

Elena: Kemm int belgha... (Lil missiera Papa'....S-Sinjura Salvi.

Maria: (Misthija) Kif int, Professur?

Augusto: (Li issa gharaf lil Maria) Ah!... Kif int, sinjura, kemm ilnama' narawk... Jghidu li M'hux sewwa li thalli s-snin jghaddu bla ma tmur izzur lix-xjuh... Wiehed jistenna li lil dawn ma jsibhomx. Fil-kaz taghna, gara bil-maqlub... int ma sibtx lic-ckejknin...Naturalment kienet din id-disgrazzja li wasslitek tigi tarana.

Maria: Ridt nigi qabel, imma billi konna Ruma, ghand il-papa' tar-ragel tieghi, ma stajniex... smajna bid-disgrazzja li gratilkhom waqt li konna gejjin lura.

Augusto: Kif inhu l-papa' tas-sinjur tieghek? Sejjer tajjeb b'dik il-medicina li sab ghal-mard tal-qalb?

Maria: Nista' nghidlek li sar sinjurin....

Augusto: Allura sejjer tajjeb. Fid-dinja, jekk wiehed irid jaghmel il-flus, jehtieg jaghraf ibiegh l-illuzjonijiet... Il-bniedem, ma jfittixx hlief dawn... Ghalaqlu ghajnejh... dan huwa is-sigriet... Jekk gittanta jiftahhom, ikun

disastru... johodha kontra tieghek u jibda jittrattak hazin.

Maria: Professur... Inti taf liema qima ghandi lejk... Taf li dejjem baxxejt rasi ghal kliemek... Jiena nhoss li m'inhix f'qaghda li noqoghod niddiskuti mieghek....

Augusto: Naf, naf... int mara semplici....

Maria: M'inhix semplici li ma nifhimx li kliemek bhall-issa huwa ewfemizmu wahdu.

Augusto: Bi kliemi ridt infakkrek...

Maria... Ghalxejn tkompli, Professur... jiena m'inlahhaqx mieghek.

Augusto: (Lil Elena li baqghet siekta u hosbiena) U int, Elena?

Elena: Inti taf, papa'... taf hux tassew lis-sinjura tilfet lil binha ukoll? Miz-zmien, kien daqs Ġorgino tieghi... Kwazi sofriet l-istess disgrazzja li sofrejn ahna... Habta u sabta......

Maria: Iva... lill-ibni tliftu bhal lehha ta' berqa u ghalhekk nista' nifhem x'inthom issofru.

Elena : (Lil Maria, deciza) Le!...Int ma tistghax tifhem...

Augusto: Ghaliex qed tghidilha hekk? Is-Sinjura hija omm bhalek u ghalhekk hadd aktar minnha ma jista' jifhem dak li qed issofri int.

Elena: (Zorra) Le! ..... Maria, lil binha ghad terga' tarah... jiena le... Qieghed tifhem?

Augusto: X'inti thawwad? Ah!...(ironiku) Iva, iva... jaqbel hafna li wiehed jirraguna b'dan il-mod....

Elena: (Dejjem b'lehen iebes u mrieghed) Jiena le,..Jiena ma narahx aktar... ebda tama....

Augusto: (Bhal wiehed li jrid jikkuljunaha) M'hemmx raguni li jekk hi ser terga' tarah ma tarahx inti ukoll.....

Maria: (Bhal wahda milquta minn kliemu) Professur... Ahfirli... Ikolli nhallikhom...(Tersaq lejn Elena) Ghaziza Elena Ghada nerga' nghaddi narak.

Augusto: Ghada m'inkunhux hawn.. (Lil Elena) Int se issiefer mieghi.

Elena: Jiena??? Fejn??? Le!... Jiena ma nitharrikx minn hawn.. Le ma rridx......

Augusto: (Inkurlat) Int taghmel dak li nghidlek jien... Jiena missierek u barra minn hekk, it-tabib tieghek ukoll... Int ghandek bzonn tobdi kemm lil wiehed u kemm lil iehor.

Maria: (Tibda biex tintimidixxi ruhha) Tinkwietahx lil papa' Elena... isa, isma minnu... Sejra Elena... kun ragonevoli (Tersaq lejn Augusto) Insellimlek Professur.....

Augusto: Hadt gost li rajtek, sinjura....

Elena: (Twassal lil Maria b'pass hafif, kwazi timbuttaha l-barra. Augusto jibqa' wahdu n-xena)

Francesco: (Jidhol bis-servizz tal-kafe' u jservieh)

Augusto: (Lil Francesco, hosbien) Francesco, Adele qaltlek xi haga?

Francesco: Tibza' lis-sinjura sejra ghall-aghar....Is-Sinjura Elena tinsab agitata hafna... qalet li ghandha fuqha daghdiegha tal-genn...Ma nafx....

Augusto: Imma hi, qegheda ghassa taghha?

Francesco: Il-hin kollu... Bil-lejl tqum apposta...Tmur fil-kamra taghha u toqoghod tissemmalha... sahansitra qegheda tikteb dak li tismaghha tghid meta tkun qed tewden.... Dejjem ittenni l-istess haga...x'imdaqqiet tcqghod bilqegheda fuq is-sodda thares cass fil-vojt... Eh!... Is-sinjura m'gharfitx tistabar. Id-disgrazzja kienet kerha kemm jista' jkun, imma fid-dinja, wiehed irid ikun l est ghal kollox... Ghal wahda bhal m'hi is-sinjura bintek, m'hix haga hafifa li wiehed jikkunslaha l-edukazzjoni li ghandha....

Augusto: Francesco, jien ma staqsejthekx fuq dan.... Mur...binthi waslet.....

(Francesco johrog)

Elena : (Terga' tidhol u tmur toqoghod bilqegheda fuq pultruna, thares dejjem fil-boghod. L-esprezzjoni taghha, pero m'hix dik ta' wahda belgha, imma ta' wahda li qed tistaqsi xi haga, li m'ghandhiex twiegeb ghaliha. F'dil-qaghda iddum bicca sewwa. Augusto josservaha, nkwiet u ddispjacut. F' salt wiehed, tqum, tigri lejn missiera u tkellmu nkurlata:)

Smajtha x'qalet? Hi ser terga' tarah...Hi sgura li ghad tiltaqa' mieghu.

Augusto: Elena, qed niskanta kif impressjonajt ruhek daqshekk fuq haga ridikola bhal din... Imma kif, qaghadt tiddiskuti fuq dan, ma dik il-belgha??? Li kieku ma hassejtx hniena ghalik kont ninfexx nidhaq quddiemha.

Elena: Iva!....Il-hniena mehtiega hafna ghalija , imma m'hux dik il-hniena li thoss int ghalija....Is-sinjura Salvi m'hix belgha...Maria hija mara brava u ntelligenti.. .

Augusto: M'hux it-titoli ta' l-istudji...m'hux l-iskola li jsviluppaw l-intelligenza...Imbaghad, wara kollox...(Jgholli lehnu bhal wiehed li jrid jimponi) L-edukazzjoni li tajtek jien, ittini s-setgha li nesigi minnhek m'hux biss l-interpretazz-jonijiet u l-konvinzjonijiet ta' missierek.

Elena: X'igifierf Xi trid tghid?

Augusto: X'irrid nghid? Jidhirli li kellimtek car hafna...Jiena tajtek edukazzjoni li taghmilni kburi... Il-kburija hija xhieda tal-karattru tal-bniedem... l-aktar haga wkoll li taghtih sodisfazzjon. Jekk f'hajti kien hemm waqtiet li serrraht rasi fuq l-ghana li tajtek....fil-hila u l-qlubija li kebbist gewwa fik...kienu waqtiet bhal dawn. In-niket li jsofri l-bniedem isir haga wahda mar-realta'....b'dik l-istess realta' li n-niket ifegg quddiemna...

Elena: Int edukajt lil bintek, imma qatt ma hsibt li xi darba, din, setghet issir omm...

Augusto: Issa, imis lili nistaqsik xi trid tghid.

Elena: Irrid nghid li l-maternita' hija haga soprannaturali...haga li ebda bniedem ma jista' jifhem... anqas jekk dan ikun kolt, istruit, gharef u kburi bhalek..Il-maternita' huwa sinjal wahdani tas-superjorita' li ghandna ahna n-nisa fuqkhom l-irgiel... Is-sbuhija ma tfisser xejn... Din, ittir minn fuq il-bniedem... ittir f'qasir zmien...Il-maternita' hija marbuta ma dak li m'hux maghruf permezz tal-poezija.... ta' l-idealismu. Iva meta wahda tkun f-istat ta' omm, tehtieg li tigi msahha bil-poezija...bl-idealismu...Dan l-istat tal-mara, ma tistghax tirriducieh f'operazzjoni

xjentifika bhal ma tista' taghmel b'dak tar-ragel...Forsi m'inhix infisser ruhi sewwa, imma fija nhoss xi haga li ma nistghax nfissru bil-kliem.....xi haga li ma tistghax tohog minn mohhi ghaliex m'ghandhiex hila ssib it-triq... Dil-haga tinsab f'gata fija u qegheda twassalni fin-niket li ninsab fih...Jiena naf li int... li Alberto... li l-bnedmin kollha jridu jmutu... dan, ghalija, igaghalni nsofri, imma hu le!....(Tghajjat) Hu le!...Hu ma jistghax jhallini... m'ghandux jitbiegħed minnhi b'mod li jien nkun nista nghid: "Qatt...qatt ma narah izjed." Ibni huwa bicca minni...Ma tistghax tbeghedu minni jekk ghall-inqas ma tidhaqxs bija... Qieghed tifhimni? Tifhimni?

Augusto: Allura int, wahhalt f'rasek li jien ghallimtek il-hrejjef.... li jien qarraqt bik fit-taghlim li tajtek....

Elena: (Taqtaghlu kliemu minnufih) Iva!... Int, ma kellek qatt iccahhadni minn din l-illuzjoni...minn dan il-qerq kemm il-darba dan kien jikkonfortani. Biex int taghmel operazjoni lil pazjent ittuh il-loppju...Ir-ruh ukoll...tehtieg l-anestesija ta' illuzjoni...Int kien imissek ghallimtni dak li ghalmitek ommok... dak li ghalmet lil-huk, iz-ziju, l-Monsinjur....

Augusto: Ommi ma kienitx mara ta' skola...missieri, kien l-istess ... ismu ma kien jaf bih hadd...Kont jien...Kont jien li issielit mieghi n-nifsi biex irbaht il-glieda li kelli go fija... Ir-rebha kienet tieghi u jien sirt maghruf..Hija haga wisq izjed difficli li wiehed jichad milli jemmen.

Elena: Jiena ma nafx liema gliediet irbaht...Ma nafx liema huma l-premjijiet l-int ksibt...M'irridx naf jekk dawn jimmeritawkx jew le...Haga wahda naf...Naf li dawn il-premjijiet, lili, ma jiswewli xejn...Kien imiss lili li nissielet, meta sirt ta' l-eta' tieghi...Kien imiss lili li niddiskuti... li niggieled mieghi n-nifsi biex nara x'inhu l-ahjar...Int ma kellekx tipprivani minn dal-beneficcju...Dan it-twemmin, int,issejjahlu hrafa...X'jimporta la lil bniedem jiswielu gid? Maria, wara di[illegible]-id-disgrazzja, ghexet u stabret ghaliex emnet f'dil-hrafa... Qed tghix ghal dil-hrafa biss...Tahseb int li l-bnedmin ma jghixux ghal-dawn il-hmerijiet? Tahseb li dawk l-int issejjhilhom hrejjef m'humiex l-ahjar konfort li jhossu fi qlubhom? Int ma kellek qatt teqred minnhi dan l-ispirtu....Int qriedt minni dik il-qawwa li b'hiljitha stajt nasal naghraf dak it-taghlim li temmen fih Maria... L-Orizzont, ghalik, huwa limitat f'zewg hwejjeg...It-twelid u l-mewt... Tghidlix li hajjitna tikkonsisti f'gisimna... f'dal gisem li matul zmienu jgorr mieghu l-mikrobu tal-mewt....Int ma kellekx dritt tisraqli tezor bl-iskuza ta' l-edukazzjoni li tajtni...Illum, irrid nghid kollox...iva, kollox, int ghallimtni li l-eziztenza kienet haga fisijol-ogika...Int ma giek ebda skruplu li jien sort naf hin bla waqt l-att tal-prokreazzjoni...Meta bdejt nifhem il-hajja, jiena kont indifferenti...kont bierda...xejn ma kien gdid ghalija...B'taghlimek, il-gnien ta' hajti, ghamilt minnu desert...Ma nistghax nichad...Id-dawl l-int tajtni b' taghlimek, ilellex...iva ilellex hafna... ghandek ragun, imma bhal m'ghedtlek, inhossni qegheda nghix f'desert.... wahdi... wahdi....

(F'dal-waqt, jidho l Alberto li jersaq ansjus lejn Elena)

Alberto: X'gara, Elena? X'ghandek? (B'ghajnejh jistaqsi wkoll lil Augusto)

Elena: (Thares lejh bla ma twiegbu)

Alberto: (Jersaq aktar lejha, imriegqed) Imma, wara kollox...(Jibqa' jhares lejn Augusto) Gara xi haga serja?

Elena: (Tersaq lejn Alberto) Le!. .Ma gara xejn serju...Jien m'inhix mignuna...sensija ghadhom perfetti, anzi saru perfetti f' salt wiehed.....

Alberto: Ah!....

Elena: Int ukoll? (B'disprezz) Iva, int ukoll. Int ukoll kont nisrani...int kont temmen, imba ghad f'salt wiehed chadt il-fidi tieghek...Iva, issa qegheda niftakar f'dak kollu li kontu tghiduli...F'dak iz-zmien, jien ma kontx nifhem x'kien ifisser kliemkhom...x'kienet l-importanza...Illum q egheda nifhem kollox...Int, biex tilhaq xi haga chadt lilek in-nifsek u gejt mirbuh mit-teoriji ta' missieri. Biex assikurajt il-gejjieni, int izzewwigt lili...Int ma bzajtx li b'daz-zwieg kont ser taghti lid-dinja kreaturi bla ebda twemmin... mohhok kien biss li tikseb l-ghana, l-glorja, il-gieh.. Int ma hsibtx li jista' jkollok tifel u li dan it-tifel jista' jmutlek...Int ma hsiebtx f'Ommu... Ma hsiebtx li ghaliha binha m'ghandux imut ghal kollox...Ma hsiebtx li la darba taghti lill-omm id-don suprem tal-maternita', jehtieg li tipprotegieh... Jekk qatt dan id-don jigi mbieghed mill-omm, jehtieg li wiehed ikollu r-rimedju...Int le...int miskin aktar minn missieri....Missieri kien ragel ambizzjus.... Int bniedem li tqis biss....

Alberto: Imma, Elena, x'inti tghid?

Augusto: Halliha tpacpac...Ikkonvertiet f'salt wiehed...dan huwa sinjal iehor tal-marda li ghandha...jehtieglu nikkumpatuha...li jkollna kumpassjoni minnha.....

Elena: (Aktar inkurlata) Int, dan biss huwa r-rimedju tieghek... li tikkumpatini...li thoss hniena... li thoss moghdrija lejja ...Taf xejn l-int ghandek bzonn minn jikkumpatik... min jaghdrek u jibkik (Tindika lill-Alberto) Le... Jien m' inhix mara kkonvertita... anki li kont... Issa ma nistghax nissejjah hekk izjed...b'dan kollu, naf...iva naf x'inhu dak li jonqosni..Naf li gejt imkaxkra warajkhom....Iva, il - lum naf liema hi l-hsara li ghamiltuli...Hekku...Maria temmen ...temmen f'haga tad-dahq... temmen fil-hrejjef... dan na mmettieh...Imma,x'jimporta? Maria tinsab ferhana.... hienja...Jien ghandi kuxjenza izjed minnha..proprju ghalhekk ...ghaliex ghandi kuxjenza ninsab hekk imnikkta...Il-Fidi tirbhek minghajr ma tintebah...Il-hazin hu l-int tintebah li int bla fidi...Jien, issa irrid nivvendika ruhi min dak li sraqtuli...minn dak il-qerq...mill-mizerja li fiha gaghaltuni nghix... Irrid immur... Irrid nitbieghed minn hawn.

Alberto: (Jaqtaghlha kliemha) Tmur!....Tidbieghed minn hawn? Elena, int m'inthix f'sensik...Int qeghda tiggennen!....

Elena: Le!... ga ghedtlek...M'inhix mignuna...Naf x'jiena nghid.... Irrid nidhallas b'kull mod...Tistaqsinhix x'sejra naghmel... Sejra niggerra mad-dinja... ser nohrog minn taht dan is-saqaf, biex ninsa... biex ninsa lilek...Immur nfittex kullimkien it-tjubija l-inthom sraqtuli...Ma nafx... Ghadni ma nafx x'sejra naghmel u fejn sejra mmur...Naf biss li rrid nit-bieghed minn hawn...immur fil-boghod...il-boghod... il-boghod...M'irrid nara lil hadd minnkhom izjed...Le, qatt izjed... Dak it-tifel jien ghandi bzonnu... jehtieg li nsib lil xi hadd li jtini lill-ibni mill-gdid!.... Dax-xi hadd irrid inkun naf min hu... irrid immur infittxu...

Alberto: Imma, Elena,.. int qegheda tghid hwejjeg bla sens...jiena nhobbok...Inti taf li qed nghix ghalik biss;.. l-aktar issa..

Elena: Issa tard wisq.

Alberto: Tard wisq? Qatt m'hu tard biex wiehed jibki... Heres lejja.. jien ghadni nibki lit-tifel taghna...

Elena:. Jien bil-maqlub tieghek...Jien ma nibkix izjed...M'irridx inxerred dmugh aktar...Hemm bzonn li ma narakx izjed la lilek u anqas lil-missieri...issa fhimt kollox...M'hux Alla kien li seraqli lill-ibni ... kontu inthom..inthom stess ......

Hallilin!.....Hallilin!...Nies kiefra!...(Tibki)

SIPARJU

..................................................

TIELET ATT

| | |
|---|---|
| Ix-Xena: | Kamra mdawla, livell mat-triq, nadifa u armata modestament. Fil-kamra, jabitaw is-sefturi li ghandu l-Monsinjur Mariano. Mit-twieqi, jidhru xi sigar u xi muntanji. Jidher l i d-dar tal-Monsinjur tinsab fil-kampanja. |
| | F'nofs il-kamra, tidher mejda. Mal-genb, librerija, skrivanija u xi kwadri sagri. It-twieqi jidhru wesghin u minnho m jidher diehel id-dawl maestuz ta x-xemx. Faccata tal-bieb, minn barra, jidhru xi fjuri. |
| | Meta jiftah is-separju, Perfetta, seftura xiha, tidher quddiem it-tieqa, qegheda titkellem ma xi hadd li jinsab fit-triq u li ma jidhirx. Fuq is-siggu, jidher par zarbun stivali li juzaw l-alpinisti. |
| Perfetta: | Emminni... ma na f nghidlek xejn...Int tifhimni...tassew li jien dejjem hawn, imma dan ma jfissirx li jien ghandi nisma kollox. |
| Lehen il-Mons. : | (Minn-naha tal-lemin) Perfetta, se tnewwiluli dak iz-zarbun? |
| Perfetta: | Qegheda nfarfarulek, Monsinjur...(Tkompli titkellem mal-persuna li tinsab fit-triq.) Nipprova...naghmel mill-ahjar ...taf int...huwa ragel tajjeb hafna u meta jiftakar li huwa Monsinjur..... |
| Lehen il-Mons. : | Perfetta!!....Fl-ahhar se titlifli l-pacenzja. |
| Perfetta: | (Bhal wahda imdejqa) U dal-waqt lest, Monsinjur...kemm nillustrah daqxejn...(Terga' tifrex fit-tieqa u tkompli titkellem) Ghidlu lir-ragel tieghek... jista' jserrah mohhu ...sejra li ma jmurx jitlef il-pacenzja tassew....Arivederci. |
| Lehen il-Mons.: | Perfetta!...Il-kelb fejn qieghed? |
| Perfetta: | Hawn barra...hdejn il-bieb...Hawn iz-zarbun, Monsinjur... (Taqbad iz-zarbun u tidhol bih minn fuq in-naha tal-lemin) |
| Lehen il-Mons.: | Oh!...Sa fl-ahhar... It-tabib deher xejn? |
| Perfetta: | Jekk rajt sewwa, rajtu gej. (terga' tidhol in-xena fil-waqt li jitfacca Filippo, it-tabib, liebes ta' kaccatur, bl-ixkubetta f'idu) Hekku Monsinjur...it-tabib wasal. |
| Filippo: | L-Ghodwa t-tajba, Monsinjur... |
| Lehen il-Mons.: | Oh!...Ghaziz tabib....kif int? |
| Filippo: | Tajjeb Grazzi Monsinjur. |
| Lehen il-Mons; : | Irqadd tajjeb dal-lejl? Hlomt xejn? Min wehel mieghek, Aristotile, Plato ne jew Santu Wistin? |
| Filippo: | Taf xi hlomt, Monsinjur? Hlomt li daloghodu ghamilna kacca sabieha, imma jekk ser thallini nistennna ftit iehor... |
| Monsinjur: | (Jidhol liebes ta' Sacerdot. Jidher ragel sabieh, jghodd fuq is-sittin sena jew xi ftit izjed, qawwi, f'sahhtu, fuq tieghu, cajtier u aristokratiku) |
| | Hekku, habib..mieghek jien...Perfetta!..Dik id-daqxejn kafe' tas-soltu? |
| Perfetta: | Dal-waqt mieghek, Monsinjur....(Tohrog minn fuq ix-xellug) |

Monsinjur: Ghandi f'rasi li t-tahdita li kelma ilbierah filaghxija fuq Aristotile, sfrattatlek ir-raqda.

Perfetta: (Tidhol bil-kafe u terga' tohrog)

Filippo: (Waqt li jibdew jiehdu l-kafe) Nghidlek is-sew, Monsinjur, dal-lejl irqadt tajjeb hafna...kont kalm xi ftit aktar mis-soltu...Jien tassew li ma niddejjaqx nistudja, imma sa certu pont. Fil-hsieb tal-bniedem,hafna drabi, issib hegga kbira....hegga li twasslu fil-ghan tieghu...Dawn it-talin, jigrilhom bhal dawk li jixxabtu mal-blat u mal-muntanji..... jiffantastikaw hilithom waqt li jiddistruggu dak kollu li hu prattikabbli. Taf xejn x'kont qed nahseb daloghodu?

Monsinjur: Jaqaw?

Filippo: Waqt li kont hiereg mid-dar, meta rajt l-ghodwa hekk sabieha intbaht li l-bniedem jghix ftit wisq...Ilbierah, jiena u int, konna qeghdin niddiskutu fuq il-hajja...fuq dak li hu maghruf u fuq dak li m'hux....Dan hu tiftix sabieh hafna.... tiftix interessanti...Teoriji astratti...teoriji li ma fihom ebda siewi...Ghaziz Monsinjur, il-verita' hija wahda... Il-hajja tal-bniedem hija qasira wisq ...Jiena nghid li-S-Sinjur ghamel kalklu hazin.

Monsinjur: Iskot tabib...Iskot kwiet...jien ma nistghax nippermettilek taghmel osservazzjonijiet lis-Sinjur...Biss, jiena naqbel ukoll li l-hajja setghet tkun ftit itwal.

Filippo: Monsinjur, gib quddiem ghajnejk kieku wiehed jista' jilhaq il-hames mitt-sena...Li kont nikkmanda jien, il-hajja kont intawwalha bejn il-hames mitt-sena u bejn is-sitt mitt sena. X'hena kien ihoss il-bniedem kieku jista' jghaddi mit-triq u jghid lilu n-nifsu: "Hawn joqghod il-Petrarca... Hawn, niftakar rajt lil Napuljun qed jippranza...Niftakar, kien qed jiekol soppa bil-fazola...dan kien l-ikel preferit tieghu...Iva, Napuljun kien ihobb ikel goff...ghall-inqas hekk nismaghhom jghidu...Ara, dan huwa vantagg iehor..... Kieku, l-istorja ma kienitx tkun mibnija fuq ghadd ta' suppozizjonijiet...L-istorja hija mibnija fuq l-ghajdud tal-bniedem li hafna drabi jigu mifhuma hazin. Jekk tosserva tajjeb, kull ma tara b'ghajnejk huwa ixjeh minna...Hu das-sigar li hawn madwar id-dar tieghek...it-toroq...din l-ghamarali ghandek hawn..dawn kienu qablek u jibqghu jeziztu warajk...Kemm konna nghixu aktar kalmi meta nafu li ghandna hafna zmien ghad-dispozizjoni taghna...Kieku ma kienx ikollna il-htiga li naghmlu kollox bil-ghaggla...Gib ftit quddiem ghajnejk...Dak inhar li taghlaq il-mitt sena, tistembah filoghodu u tghid bejnek u bejn ruhek: "Issa wasal il-waqt li naqbad xi namrata".

Monsinjur: (Bi tbissima, jersaq biex jiehu l-ixkubetta bla ma jwieghu, imbaghad wara ftit;) Immorru, habib? Dal-waqt idoqqu t-tminja...Qeghdin nitkellmu dwar il-hajja...Halli niftakar jekk ghandix lil xi hadd marid li jista' jkollu bzonni... Int hsibijiet bhal dawn ma jeziztux ghalik...Il-morda jirbhu meta t-tabib taghhom ikun fil-boghod.....

Filippo: Ghandi pazjent gravi hafna...Nghidlek is-sew issa qtajt qalbi minnu...hallejtu f'idejn Alla.

Monsinjur: Is-soltu sistema tat-tobba...Meta tridu tehilsu mir-respon-sabbilta', terhu lil pazjent f'idejn Alla l-imbierek....

Perfetta: (Tidhol minn fuq ix-xellug) Monsinjur, hawn wiehed sinjur, ma nafx minn hu, irid ikellmek.

Monsinjur: Fid-dar tal-Ministru t'Alla kullhadd huwa milqugh..... Kulhadd maghruf.

Perfetta: Monsinjur, ridt infisser li qatt ma' rajtu u li m'hux minn dan ir-rahal...Hekku. (Jidfacca fuq il-bieb it-tabib Claudio).

Claudio: Monsinjur Mariano Silva?

Monsinjur: Jien hu...Ghaddi, ghaddi, sinjur. (Iqieghed l-ixkubetta mal-hajt) Il-merhba tieghi hija nieqsa hafna mill-karattru ta' Sacerdot, imma...

Claudio: Tippermettili? Jien hu t-tabib Claudio Arteni....

Monsinjur: Ah!...Allura, issa, ninsab bejn zewg tobba...Hekku, dan hwa tabib iehor. (Jipprezentalu lil Filippo).

Filippo: (Jiehu b'idejn Claudio) Jien, it-tabib Anzani.

Monsinjur: Allura, sinjur...F'hiex ghandi l-unur li nservik? Mnejn gej u mnejn int? Oqoghod, oqoghod bilqeghda.

Claudio: Monsinjur...Naf li gejt infixklek...milli qed nara kont sejjer ghal kacca.....

Monsinjur: Ma tantx hija haga sabieha ghal-sacerdot bhali li hadt izjed fama ta' kaccatur milli ta' Ministru t'Alla.

Filippo: Nahseb li l-kollega tieghi ghandu x'ighidlek affarijiet importanti...Jiena nista' nhallikhom fil-liberta'.....

Claudio: Tassew li jien m'ghandi ebda sigriet...Monsinjur jiena gejt inkellmek fuq in-Neputija tieghek.

Monsinjur: In-Neputija tieghi?

Claudio: Iva...Bint il-Professur Silva.

Monsinjur: It-tifla ta' hija!....Ah!...

Claudio: Naf, naf li r-relazzjonijiet bejnek u bejn huk...(Jieqaf)

Monsinjur: Nghid ghalija, dejjem bqajt niftakar fih fit-talb tieghi.

Claudio: Naf, naf, Monsinjur...Naf l-int ruh tajba.

Monsinjur: Hallina minn dan... Din hija l-istess fama li taghmilni kaccatur tajjeb...Eh!...Lil hija graltu disgrazzja kbira. .. Ix-xjenza, minflok ghamlitu ragel kbir, ghamlitu ragel ckejken....Il-gherf, x'imdaqqiet jixxiebah ma xi medicina.... Meta wiehed jiehu medicina b'ohra, thalli fih effett hazin.... effett oppost ghal dak li jkun jixtieq, imma hallina minn dan...Allura, tista'tghidli x'gara?

Claudio: Monsinjur, in-Neputija tieghek tinsab hawn...Tixtieq tkellmek...Giet ghandek apposta....

Monsinjur: Imma, jekk ma nizbaljax. ...in-Neputija tieghi hija mizzewga.

Claudio: Iva, Monsinjur, imma....

Monsinjur: Jaqaw? Isepparaw ruhhom?

Claudio: Iva...

Filippo: Monsinjur, jiena ser inhallikhom...Ahfirli, habib... Nista' nahseb l-importanza tas-suggett tieghek....

Monsinjur: Kif joghogbok, tabib...Niltaqghu aktar tard.

Filippo: Il-lejla narak...L-ghodwa t-tajba (Isellem u johrog)

Monsinjur: Noffrilek kafe'? Xi haga x'tixrob?

Claudio: Nirringrazzjak, Monsinjur...Tinkwietax ruhek jekk qed tarani xi ftit agitat...F'dak li ser nghidlek m'hemm xejn tragiku.. Ninsab xi ftit emozjonat...bhall-issa, ninsab quddiem persuna li ghandi qima kbira lejha....persuna li jiena nammira hafna.

Monsinjur: Nirringrazzjak, tabib...nitolbok li ma tfahharnix wisq ghaliex allura tibda biex thassibni hazin.., Ghedtli li n-Neputija tieghi tinsab hawn...hawn, fejn?

Claudio: Qegheda f'lukanda... Waslet ilbierah filghaxija...anzi biex inkun aktar car, wasalna ilbierah fil-ghaxija.

Monsinjur: Tabib, ifhimni tajjeb...Jiena ragel bhalek u ghalhekk naf id-debbulizza u l-qerq tad-dinja, daqshekk....

Claudio: Qieghed tissorprendini , Monsinjur....

Monsinjur: Jien ma nissorprendi ruhi b'xejn...Il-bniedem, x'imdaqqiet jinqeda bir-religjon...Din hi haga konvenienti hafna biex il-bniedem jasal ghal-finijiet ta' sasu, l-aktar meta ikun hemm fin-nofs xi mara sabieha. Ejja, ejja, m'hemmx ghal-fejn tiehu ghalik..Jien hu ragel komuni u ghalhekk nghid dak li nhoss...Jien, m'ihix bhalek....m'inhix tabib.

Claudio: Monsinjur, inti taf hux tassew li sinjura Elena tilfet lil binha, l-uniku tifel li li kellha?

Monsinjur: Iva, naf...Alla ghogbu jsejjahlu.

Claudio: It-tifel kien ghadu anqas biss gie mghammed...Taf li...

Monsinjur: Naf, naf...Imma Alla l-Imbierek huwa dejjem aktar twajjeb mill-bnedmin.

Claudio: Monsinjur...Inti taf kif giet imrobbija is-Sinjura Elena.... It-telfa ta' dik il-kreatura, m'hux biss qerditilha l-paci imma r-raguni wkoll....Fi ftit kliem, hi trid tarak ghaliex ghandha f'rasha li fik sejra ssib dak il-konfort li mkien ma tista' ssibu...

Monsinjur: Fija? Kieku ghandi dis-setgha, kieku wara biebi, fgat bin-nies...Fuq kollox, in-neputija tieghi, kif setghet tigiha f'rasha haga bhal din, meta tawha dik l-edukazzjoni?!.... Meta lili ma ratni qatt?...

Claudio: Kif? Qatt ma ratek?

Monsinjur: Nista'nghid li ma ratni qatt....Xi kemm il-sena ghandha n-neputija tieghi?

Claudio: Nahseb li ghandha tletin sena.

Monsinjur: Tletin sena, eh? Iva, ghandek ragun...Hija kien izzewweg kbir...Kellu madwar hamsin sena...Ommha kienet mietet bi twelidha...Eh!...Elena ma setghetx titrabba xort'ohra... Meta kellha xi hmistax il-sena, niftakar kont mort rajtha il-kullegg, imbaghad kont rgajt rajtha f'xi okkazjoni ohra insejt liema kienet...Naf li dak inhar kien hemm hafna kbarat...princpijiet...Materjalment, hija kienet tinsab il-boghod ukoll...Il-lum, min jaf f'liema stat tinsab fih...

Claudio: Il-lum tinsab fi krizi kbira, Monsinjur.

Monsinjur: Alla tieghi!...Mara fi krizi kbira!...Din hija haga wisq aghar milli kieku fin-nofs kien hemm xi krizi finanzjarja.

Claudio: Krizi ta' kuragg...ta' raguni , Monsinjur.....

Monsinjur: Xi haga aghar...M'irridekx tiskandalizza ruhek..Lin-nisa, jien, nafhom tajjeb...Emmirni..I n-nies huma l-istess haga

: bhal veduti...izjed tiehu gost thares lejhom mill-boghod ...krizi ta' kuragg? Jaqaw? Jaqaw trid tidhol soru?

Claudio: Milli qed nara l-Monsinjur huwa bniedem xettiku.

Monsinjur: Habib, jiena nemmen f'Alla... Fl-irgiel, m'ghandi ebda fiducja u wisq anqas fin-nisa.

Claudio: Monsinjur, natik il-kelma tieghi li l-kaz huwa gravi hafna ...nitolbok li toqoghod tismaghha.

Monsinjur: U sgur li noqoghod nismaghha....Mur gibha hawn,..jiena lest biex nilqaghha bil-qalb kollha.

Claudio: Immur ghaliha issa stess. (Johrog)

Monsinjur: (jibqa' wahdu ghal ftit, hosbien)

Perfetta: Monsinjur...jaqaw m'inthix ser tohrog daloghodu?

Monsinjur: Aktarx le...Qed nistenna wahda neputija tieghi...Fid-dinja ma tistghax toqoghod kwiet... Nigi hawn ghal ftit granet biex nistrieh u minnufich jibdew ifittxuni...Qisni l-Isqof ta' dar-rahal...Jien nigi hawn biex noqoghod nistudja.... biex noqoghod nitkellem ftit m'Alla l-Imbierek..Il-bnedmin huma frugha wahidhom...Tihom ilabalbu u XEJN IZJED...Sinjuri jekk inthom ftakartu fija u gejtu tfittxuni s'hawnshekk.

Perfetta: Monsinjur, int ghandek missjoni sabieha fil-hajja...Bi kliemek int tikkonsla lill-imnikktin...

Monsinjur: Int ukoll? Jiena nikkunslahom u huma, bi hlas ta' dan, isewduli qalbi. (Jidfacca Alberto)

Alberto: Nista' nghaddi? (Jersaq lejn il-Monsinjur, bir-rispett u kwazi mrieghed) Monsinjur...Jien hu n-neputi umli tieghek ...It- tabib Alberto Conti, ir-ragel ta' Elena.

Monsinjur: Illum huma jum tas-sorpri zi ...Ihabbruli l-mara u jidfacca quddiemi zewgha...X'ghandi nservik, ghaziz ibni? Jaqaw qed tfittex lil mara tieghek? Hawn m'hijiex.

Alberto: Kif, m'hix hawn?

Monsinjur: Ghall-inqas, jien, ghadni ma rajthiex...(Lil Perfetta) Int tista' tmur...(Perfetta tohrog)

Alberto: Imma hawn trid tkun...Ziju, marthi kellha tigi ghandek... Jehtieg l-int issalvaha.

Monsinjur: Jien? Imma, àllura, xi gralha, Elena?

Alberto: A lla tal-hniena!....Marti tilfet sensieha...

Monsinjur: Mignuna'...Allura , ghalhekk giet hawnhekk? Allura d-dar tieghi qeghdin jahsbuha manikomju?

Alberto: Le, Monsinjur...issa nispiegalek kollox.

Monsinjur: Int taf ma' min giet?

Alberto: Iva;...giet mat-tabib Arteni, l-habib tieghi.

Monsinjur: U ghaliex ma gietx mieghek? Ghaliex ma gietx wahidha? Jidhirli li...

Alberto: Monsinjur...Tahsibx hazin...Nista naghtik kelmti...

Monsinjur: Ibni, l-irgiel mizzewwga, aktarx li jkunu l-ahhar nies li jsiru jafu certi affarijiet...din hija tradizjoni li gejja minn zmien l-Grecja l-antika.

Alberto: Le, le.... Elena harbet mid-dar tieghi, m'hux ghaliex fin-nofs hemm xi ragel iehor...Harbet minni...harbet minn missiera...min darha ghaliex tilfet sensieha...ghaliex tisab marida.

Monsinjur: Marida b'daqs dawk tobba madwarha?

Alberto: Monsinjur, ahfirli...Ghandek aptit ic-cajt, hux tassew?

Monsinjur: Tlumni? Le, le...m'inhix niccajta.

Alberto: Dak l'irrid nghidlek huwa dan, Monsinjur...Elena kellha id-disgrazzja li tilfet lil binha.

Monsinjur: Imma, jidhirli li did-disgrazzja inthom sofrejtuha t-tnejn...

Alberto: Irrid nghid li hi, bhala mara, m'gharfitx tegheleb in-niket li garrbet f'dik id-disgrazzja...Elena hija omm u bhala omm......

Monsinjur: Bhala omm m'hix il-missier... dan nafu wkoll bla ma jien la l-wahda u anqas l-iehor.....

Alberto: Darba minnhom, wahda habiba taghha li kienet sofriet minn l-istess disgrazzja, giet izzurha u waqt li kienet qegheda tkellimha fuq binha, qaltulha li hi ghad terga' tarah fis-sema.

Monsinjur: Bla dubju.

Alberto: Ghal Ele na, dil-kelma kienet bhala rivelazjoni...Haditha kontra missiera li ma kienx taha taghlim bhal dan li ma ghallimhiex temmen illuzjonijiet bhal dawn...Ghaliha, dan it-twemmin kien itaffilha n-niket li qegheda ssofri...Haditha kontra tieghi...Bdiet tghir ghal habiba taghha....Bdiet tghajjat maghna...bdiet tkasbarna Emminni, ma nafx fejn ser nibda naghti rasi....Int tista tifhem....

Monsinjur: Naghli ghalik, imsejken ibni....Qed nosserva li qed tittratta hazin hafna, suggett l-int ma tifhimx fih. Int fqir ghalhekk ma tafx titkellem fuq il-gid. Dak li temmen fih il-habiba ta' martek, int, sejjahtlu iluzjoni, hrafa,...Jiena naf kif hija rabba lil binthu u kont qed nistenna li xi darba jiehu l-kastig li haqqu...Mhux minn ghand Alla kont qed nistenna li jasallu dan il-kastig...Ahna zghar wisq hdejn Alla l-Imbierek biex nippretendu li Hu jaghti kaz ta' l-irqaqat kollha li naghmlu. Kien min ghand binthu stess li hija rceva l-kastig li kien jisthoqqlu...Kont naf li binthu, ma' l-ewwel tigrib qawwi li jigi fuqha ser tistaqsi lilha n-nifisha jekk il-hajja ghandhiex xi gid iehor x'toffrilha barra min dak materjali li ahna tant nghozzu b'tant reghba... biex imbaghad, inhalluh warajna, l-istess bhal ma l-kutrabandier ihallu dak li jkollu fuq il-fruntiera....U dan il-jum, issa, wasal..U jien qed jisghobbija aktar minkhom... Biss, jien,m'irridx noqghod niddiskuti...Xejn minn dan... jienirrid inkun naf biss xi trid minni... Tridni naghtik il-hsad anke jekk haddiehor ma zerghax?

Alberto: Monsinjur, int tabib tar-ruh, l-istess bhal ma jien tabib tal-gisem...Ir-ricetti taghna xejn ma jixbhu lil xulxin.... Jien ma nistghax nissuggerilek x'medicina ghandek ittiha.... Nitolbok biss li tfejjaqieli.

Monsinjur: Wigibni...Inti thobbha? Ma tridx tghix il-boghod minnha? Ghidli, xi thobb fiha? Il-gisem? Din hi r-raguni li tridha lura fi hdanek? Jew trid ittieha mill-gdid dik ir-ruh...Dik il-Fidi? Trida lura f'darek ikkonvertita? U jekk din tikkonverti, lest, int, biex tilqaghha, imma jekk inti lest biex taghmel dan, ghaliex m'ghallimthiex temmen qabel? Ghaliex ma bieghedx minnha dik ic-cahda terribbli?

Alberto: Jien,..jien ma kontx naf xi trid...Naf biss li jkkurajtha b'hilti kollha...Sabbartha,...ikkunslajtha...ghamilt minn kollox...Ippruvajt inderrilha billi sifirtha...billi kont inzieghel biha..Monsinjur...jiena ninsab inkwiet ghaliex jekk marthi ma tikkalmax...ma tistabarx, tista' titlef ukoll it-tieni kreatura...Marthi, dan, ghad m'ghandha ebda hjiel tieghu...Dan li qed nghidlek, intebah bih huk waqt li kien qed jezaminha.

Monsinjur: Qed nara (B'ironija) l-inthom qeghdin tahsbu fil-komfort tal-gisem qabel dak tar-ruh...Ah!...Tassew li fid-dar ta' hija r-ruh ma teziztix....

Alberto: Monsinjur, li tiggenera u tkomli l-opra t'Alla....

Monsinjur: Iskot!...Haga konvenienti hafna li wiehed ilaqqa' l-qima t'Alla mal-pjaciri tad-dinja...Wiehed dejjem jista' jsib mezz kif ja sal fi ftehim mas- Sema, jghid Voltaire.

Alberto: Il-verita' hija din, Monsinjur...Elena harbet mid-dar... li ma tridx taf bija u anqas b'missiera...Elena trid tghix wahidha..fejn u kif ma tafx...Ma tghidx hlief hmerijiet.... hmerijiet li sejrin jisfrattaw familja... hmerijiet li qasmuli qalbi u qalb missiera. Dan, sar ghaliex jonqos dik il-persuna setghana li tista' jggibha f'sensiha..Dil-persuna m'hi haad hliefek, Monsinjur.

Monsinjur: Tajjeb..Dak li qd tghidli huwa kollu fl-ordni logiku...Mill-bqija, meta t-tabib ma jkunx fadallu x'jaghmel izjed,allura jsejjah lil qassis....

Alberto: Int m'inthix il-qassis, Monsinjur..Int huwa zijuha.

Monsinjur: Imma z-ziju nzerta qassis ukoll...(Pawsa) Tajjeb, imma wara kollox, jien ghadni ma rajthiex...Naf biss li waslet ilbierah u li giet ma' wiehed mill-kollegi tieghek.

Alberto: Iva, naf...It-tabib Arteni.

Monsinjur: Marthek taf l-int gejt warajha?

Alberto: Le...Xejn minn dan..It-tabib Arteni stess qalli fejn tinsab u x'aktarx li kien hu li talabha biex tigi ghandek. Arteni huwa l-President tas-Societa' tat-Tobba Nsara.

Monsinjur: Dan ma jfissirx li jiena sa' nzid il-fiducja li ghandi lejh ...It-tobba Kattolici jafu jidimbu wkoll....intant, jiena lest biex nilqaghha u nisma x'ghandha tghid..Jien naghmel dak li nista'...In-niket ta' ghajri jfisser ghalija okkazjoni li fiha nuri il-hniena u l-karita'.

Alberto: Grazzi!

Perfetta: (Tidhol) Monsinjur...Nahseb li waslet in-Neputija tieghek.

Alberto: (Xi ftit emozjonat) Monsinjur...Jekk tippermettili noqoghod mument wahdi, maghha.

Monsinjur: Tahseb li taghmel tajjeb? Isbah din...Jiena u int ma nistghux nikkompetu flimkien, m'hux hekk? Jiena tabib tar-ruh u int tal-gisem...(Jidhaq) Kif joghogbok..Arrivederci... Jiena qieghed hemm fl-istudju tieghi...(Johrog minn fuq il-lemin)

(Tidfacca Elena, Tidher ansjusa, imma aktar kalma milli wiehed jistenniha. B'ghajnejah, tidher qeghedtfittex lil Monsinjur. Minflok dan, tintebah b'Alberto. Tibqa' thares lejh fitt bla ma titharrek.)

Perfetta: (Tohrog minn fuq ix-xellug bla kliem)

Alberto: Elena....

Elena: M'hux lilek qed infittex, ghaziz tieghi...Naghli li qaghadt tigi warajja s'hawnhekk...kollu ghalxejn...X'imdaqqiet ikun hemm tant boghod minn wiehed ghall-iehor li xejn m(ikun jista' iwassalhom qrib xulxin...

Alberto: Elena...Int marthi...int bicca minni.....

Elena: Naf...Dan, fil-hajja ghandu importanza ckejkna...Jekk id-dritt tieghek fuqhi jinsab biss f'dan l-argument...

Alberto: Issemmhix drittijiet...Qabel issemmi dawn, irridek tiftakar fi dmirijietek...Dawn, lili, igaghaluni nimpedik li toqghod tiggerra bhal wahda mignuna...Li kieku Arteni ma kienx tassew gentlom, int kont tkun hrabt minn dari ma ragel iehor...mal-mahbub tieghek...in-nies kienet tahseb li hrabt....

Elena: Iva...ta' dan ghandek tassew ghaliex tirringrazzjah.

Alberto: Ghidli, Elena...X'kien jonqsok f'dari? Ma kellhekx l-Imhabba u r-rispett tieghi...Int kellhek...

Elena: Kollu minnu dan li qed tghid...kollu minnu...B'dan kollu jien m'irridx noqoghod niddiskuti mieghek...Jien ma gejtx hawn biex infittex lilek..Jien qegheda nfittex lil haddiehor...

Alberto : U dal-haddiehor lest biex itik il-parir tieghu, anzi lest biex jordnalek gigi lura mieghi.

Elena: Tajjeb...Jiena nigi, imma dan ma jfissirx l'int hrigt rebbieh fuqhi....

Alberto: Jiena m'inhix infittex li nohrog rebbieh...qed infittex lilek biss, ghaliex it-tama tieghi tinsab fik...Il-gejjieni tieghi minnek biss jiddependi..hajti jiena ddedikajtha lilek u qed nghix ghalik...ghalik biss..

Elena: Jiena nista' nigi nghix mieghek...imma hajtek,imhabbtek, dawn, ghalija ma jfissru xejn izjed...

Alberto: Elena, naf li gejt hawnhekk biex titlob liz-ziju tieghek il-Monsinjur, itik il-paci...l-isperanza...Dawn, jien, lest biex nghinek tfittixhom, issibhom...lest biex naghmel minn kollox biex narak hienja....

Elena: Int? Int lest biex tghin lix-xjenzati materjalisti...lest biex tghin nies bhal missieri...Imma nies religjuzi.... U dil-hegga...din l-inizjativa, minn meta?

Alberto: Elena, m'hux il-waqt li toqoghod tghaddini biz-zmien...Jiena m'inhix xi wiehed iblah...x'injorant..Dil-mibegheda li ghandek ghalija hija haga bla sens...bla ebda logika... haga bla qalb..ha ga ngusta.

Elena: Alberto, nitolbok li thallini.. li tidbieghed minni...Jiena ma noboghodokx..m'irridx noffendik...ma qegheda nitolbok xejn...Jiena gejt ghand iz-ziju tieghi. ...Irrid nisma kliemu ...Irrid nurieh bid-deni l-int u missieri ghamiltuli.

Alberto: Imma int qegheda taghmel ruhek vittma ta' kongura li qatt m'eziztiet.

Elena: Naf...naf... Jekk iko lli nakkuzakhom quddiem l-Awtorita! ma nafx nohrogx rebbieha...b'dan kollu il-htija hija taghkhom... Inthom nissiltu fija l-hazen...beghettuni mit-triq it-tajba.., hassartuli s-sentimenti tieghi...eghmili...

Alberto: Elena!....

Elena: (Dejjem izzid f'lehinha u l-korla) Iva!...Iva!..Ghidli, wigibni...Temmen int f'dak li qallek it-tabib Arteni? Il-habib tieghek qarraq bik... Staqsieh fejn sabni....

Elena : staqsieh x'ridt naghmel biex nidhallas minni n-nifsi... biex nidhallas minnek...minn missieri..Jiena inhossni mignuna bil-ferh meta naf li tabbajtilkhom isimkhom bit-tajn moqsiez.. ...inthom riedtu issiefru fuq bastiment bla tmun..Ridtu thassru u teqirdu il-kwiekeb mis-sema, imbaghad meta giet fuqna l-ewwel burraxka, inthom tfarraktu mal-blat, mieghi...sibtu ruhkhom f'abbiss tal-biza' hdejja...x'ferh...x'hena nhoss meta niftakar li m'ghandix ghalfejn nibza' izjed...meta naf li wara mewti, m'ghandhix ruh x'insalva...Ghidli, x'sa nhalli warrajja met mmut? Gismi? Forsi gisimna rridu nsalvaw wara mewtna? X'jiswa li noqoghodu nibzghu ghalih dan il-gisem? M'hemmx dubju, dan ghad irid jintemm fix-xejn. Ibni ga ntemm ghal kollox... ma baqa' xejn minnu... Tant rabbejtu f'ghozza..tant kont inhobbu...tant kont niehu hsiebu...X'sewa' dak li ghamilt mieghu? Ibni ma jeziztic izjed... gismu kielu d-dud .... M'ghadekx tghallimni izjed li issa, gismu isir gozz demel? Int, iva int... kont tghallimuli dan.. Int u missieri ...Allura, ghalfejn? Ghalfejn id-decenza, il-modestja? Ghalfejn il-poezija...l-Imhabba? Iva!...Iva!...Ghalxejn thares lejja b'dak il-mod...Dak li qegheda nghidlek ma tistghax tmerieh...Kieku ma sibtekx hawn, kont behsiebni nigi nfittxek biex nghidulek da n.. Jehtieg l-int tkun taf fejn wassaltha dik il-kreatura miskina li giet milquta mill-hemm tal-hajja... dik il-kreatura li ma sabitx dak il-komfort bhal kreaturi ohra wara mewthom....

Alberto: Elena!...Allura b'dawn l-ideat gejt tara liz-ziju tieghek, il-Monsinjur?

Elena: U xi jfisser ghalik billi z-ziju tieghi huwa Monsinjur? X'ifisser ghal missieri li kien jghallimni nsejjahlu qassis hmar? Possibbli li l-iskruplu qed jaghmel bik, issa? Imbaghad, wara kollox, ghalfejn qed tinterssa ruhek ghalija? Ghalik, jien ma nfisser xejn izjed...Dak li jiena qegheda nfittex, int, ma tistghax taghtihuli.

Alberto: Elena!...Kieku dak li qegheda tghidli kien minnu...(Jersaq lejha nkurlat) Jiena nkeccik...(Jaqbdilha l-polz t'idha) Jiena nista' nwasslhek quddiem il-Qorti...Quddiem l-Imhallef.

Elena: Il-Gjudizzju tal-bniedem ma jfisser xejn hdejn dak li qegheda nfittex jien...Jahasra, kemm int il-boqghod minni...Jiena qeghda nfittex l-Alla u int trid tohodni quddiem Imhallef ta' din l-art...

Alberto: Tista' tghidli dan Alla li qegheda issemmi, x'ikun? X'inti tfittex? Il-paci jew il-mibegheda? Il-Vizzju? Il-Virtu? Elena!....Nitolbok...Int tliftni minn sensija...Tliftli l-hena tieghi...Jiena ghama ...nitolbok tghini halli nkun nista' niftah ghajnejja....

Elena: Sewwa qed tghid...Int ghama... ghama aktar minni, ghaliex, jien, ghall-inqas ghandhi x-xewqa li nara d-dawl...int.le ...int trid tibqa' fid-dlamm....

(F'dal-waqt, jidfacca l-Monsinjur minn fuq il-lemin, liebes b'ilbies sacerdotali u fuq sidru ghandu salib tad-deheb)

Monsinjur: (Jaqta' kliem Alberto li jkun ser iwigibha) Nahseb li issa wasal il-waqt li nilqa' lin-neputija tieghi...(Lil Alberto) M'inthix tghid hlief hmerijiet...Taghmel wisq tajjeb jekk ma tkomplix...Mur...mur ftit f'dik il-kamra.

Alberto: (Intimidit, jirtira hafif, agitat u mhawwad) Tajjeb... Nobdik!

Elena : (Kif issib ruhha quddiemu, thares lejh fiss, imbaghad tigri tintefgha f'riglejh bhal wahda mitlufa)

Monsinjur: (Jerfaghha u jqegheda bilqegheda fuq pultruna) Din m'hix maniera li tifrah biz-ziju tieghek wara das-snin kollha...

Elena: (Kommossa) Ziju!...Ghallimni nemmen!..Ghallimni nemmen! .. Ghamel li narah jiena ukoll!.....

Monsinjur: Bil-mod, bil-mod, ghaziza tieghi...Qabel noghlew ilfuq... fis-sema... ejja ghal mument wiehed nharsu lejna nfusna fuq din l-eart...Jien, nistqarr...ghamilt hazin..ghaliex kont wara dak il-bieb qed nissemmaghlkom..Abbuzajt ghaliex qieghed f'dari...naf..xorta wahda dniebt...Ma jimpurtax.. . Hemm xi hadd li lest biex jahfirli... Wigibni..Minnu dak li ghadt lir-ragel tieghek? Tassew l-int dhaqt bih? M'hux veru, hux tassew? Jiena f'qalbi hassejt li m'inthix tghid il-verita'...Int ma tistghax tfittex l-Alla b'ghemil ta' dik ix-xorta....Kont ser nidhol fuqkhom u nsikkitkhom, imma mbaghad hassejt li ma kien hemm xejn mill-verita....

Elena: Sewwa qed tghid, ziju...m'hemm xejn mill-verita', imma jien xtaq t li kien tassew....xtaqt li kien minnu dak li ghedt ...Jiena qegheda nghix bil-hsieb li dak li ghedt ghaddejt minnu tassew...Jiena qegheda nhoss ir-rimors... qegheda nhoss il-gost tal-vendetta tieghi...

Monsinjur: (Imkexkex) Oh!...x'kelma ghedt!...Vendetta!...Ahna l-bnedmin.li ahna tant zghar, nahsbu biex nivvendikaw ruhna... Ghaziza tieghi...huwa wisq ahjar l-int m'ghamilt xejn minn dak li ghedt...wisq ahjar..U issa..issa ejja nitkellmu ftit fuqhek in-nifsek..Hallini narak sewwa, ghaziza tieghi...Jiena smajt l-int qegheda ssofri hafna..Jiena tlabt lill-Alla l-Imbierek li jtik issahha biex tiflah issofri dik id-disgrazzja ...Alla semghani...Int qegheda titolbu jghinhek..Binthi, il-Mulej ga tak l-ghajnuna tieghu.

Elena: Ma jistghax jkun, ziju...(Iddisprata) Lil dan Alla, jiena ma nemminx li jezizti, imma fl-istess hin, jien nixtieq ngharrfu...Jekk Huwa kif jghidu li Huwa tant twajjeb...Ghaliex ma jghinhix? Int li temmen fih, wigibni ghal dil-mistoqsija.

Monsinjur: Binthi...Dak li hu misterjuz, anqas jien ma nista' nifhmu ....Alla hu u jehtieg li jibqa' misterjuz...B'hekk biss, ahna nircevu minn ghandu l-qawwa Tieghu..Ma tistghax jsseijah l-Alla....ma tistghax Tixtiequ..ma tistghax tistudjah..li temmen Fih huwa don..dan, thossu fik in-nifsek..dejn izjed minn hekk...Meta l-bniedem jahseb Fih, jintelef f'estasi... F'hena li ma titfissirx li jemmen f'Alla, il-bniedem jhossu hieni imma din l-hena jehtieg li tkun tisthoqqlu...Ma tistghax thobb l-Alla ghal rasek...Jehtieg li tahseb Fih...fil-misteru tad dak li ghad irid isir minna...jehtieg li tahseb fil-kbor bla qies t'Alla l-Imbierek..Fis-sbuhija tal-holqien.. Fil-holqien...Fil-hsibijiet taghna bla ma nafu min jaghtihomna ...Dan kollu li ghedtlek ifisser Alla n-nifsu...Int gejt imhobbija f-ispekulazzjonijiet estratti...Flok id-dawl, lilhek urewk id-dlam...qalulhek: "Xejn ma jezizti" Le...Jiena mad nistghax nghidlek: "Hemm id-dawl". Nista' nghidlek biss: "Tghaddix minn hemm". Il-Fidi hija ansieta'...meditazzjoni .....Fid-dinja, hawn nies li jgharrfu jifhmu ghaliex ma jistghux u m'ghandhomx jifhmu...Dawn huma l-maghzulin tas-Sinjur. Dawn huma l-veri Nsara...Int rid temmen..Min qed igaghlek taghmlu dan? In-niket..in-niket li qegheda ssofri ...dan qed jghalmek temmen...Lill Alla, inti jsibu kemm il-darba tikkalma...kemm il-darba tirrassenja ruhek...Alla jinsab fis-Sema, imma jarawh biss dawk li jgharrfu ibaxxu rashom quddiemu.

Elena: (Taqbadlu dirghajh it-tnejn) Monsinjur..irrid nibqa' nghix hawn...mieghek,...hdejk...Bi kliemek, inti qieghed ittini l-paci mill-gdid...

Monsinjur: Le, binthi...Int ghandhek id-dmirijiet tieghek lejn zewgek ,..Int ghandek missier li rabbiek..li edukak... li ghamel bosta xorti ghalik...M'ghamilx dak kollu li kellu jaghmel imma dan, anqas m'hu htija tieghu...Huwa ma setghax itik dak li ma kellux..Int ghad ghandek dmir xi twettaq.......

Elena: Ziju.. .Monsinjur...Ghidli xi hag'ohra..Ghidli li Alla jezizti...Ghidli li Huwa jerga ' itini mill gdid..

Monsinjur: Binthi...gwaj kbir kien ikun ghalina kieku konna sguri mill-esiztenza Tieghu..Li wiehed ikun sgur, hija haga mejta ...haga bla sahha...il-fidi hija l-istess nifs..Dak li jtina l-hajja..B8dan kollu, jien, m'inhix ser inkeccik..int bil-mod tfiq...l-Ateismu huwa marda ta r-ruh...iva...bhala kumpens ta' dak li sejjer naghmel ghalik, irridhek tweghedni haga...Irridhek tweghedni li terga' lura lejn darhek ma' zewgek..tweghedni li ma tidbieghex minnu...li tibqa'thobbu ...li tibqa' tixtiequ dejjem mieghek...

Elena: Le, le...(imbazza)

Monsinjur: Ghaliex?

Elena: Ghaliex huwa wkoll seraqli lill-ibni...(Lehinha jidbaxxa u waqt li tkun ser terga' tghid "LE!", taghlaq ghajnejha u taqa' svenuta)

Monsinjur: Le..le...m'hux hekk.. Ahna m'ghandniex setgha niggudikaw il-htija ta haddiehor..Huwa jhobbhok ...huwa gie warajt Dak it-tabib li gie mieghek, bhala habib tieghu, qallu fejn tinsab b...Isa...isa, isma minni...Tridni nsejjahlu? (Jintebah li tinsab mitlufa) Alla tieghi!...Elena! x'gara? Xi gralhek Haddek hazin? Ah!...Issa tassew jehtieg li nsejjahlu... zewgha huwa tabib...Perfetta!...Haffef!....(Perfetta tidhol tigri) Is-Sinjura ntilfet minn sensiha...newwilli xi haga ...Igri...sejjah malajr lil dak is-sinjur li jinsab hemm gew...In-neputi tieghi...

(Perfetta mifxulha tidhol minn fuq il-lemin)

Elena!...Elena!...

Alberto: (Jidhol jigri) X'gar? X'gara?...

Monsinjur: Tinsab mitlufa.....

Alberto: (Jinzel jissemmaghahan-nifs, imbaghad) Ma gara xejn.. Dak li kont qed nghidlek l-ewwel, Monsinjur...Marthi saret omm ..iva ..marthi saret omm mill-gdid...

Monsinjur: U dan, ma jfisser xejn? Ma gara xejn?

Elena: (Tiftah ghajnejha, tilmah lil Alberto - tingibed lura)

Alberto: Elena!...(Izieghel biha) Elena!...(Jghidilha kelma f' widnejha)

Elena: (Fuq wicca tidher espressjoni ta' ferh. Hija tibqa' bla ma tghid kelma wahda donnu li l-ferh zammilha lsiena.)

Monsinjur: Qegheda tara, Elena? Huwa we jerga' itihulhek lura mill-gdid..Ahna nemmnu li tezizti l-mew, ghaliex il-gisem taghna jmur..jghib fix-xjen, imma l-hajja, le.. il-hajja hija 'katina li ma tinqata' qatt....ghaliex hija opra t'Alla... Mill gdid rega gej ghandhek..Dak li Alla sejjer itik, huwa ibnek..iva, ibnek mill-gdid...

Elena; (Bhal wahda li fehemet dak li qalla l-Monsinjur, bi tbissima fuq xoftejha, tinzel gharkupptejha f'riglejn il-Monsinjur)

Jiena omm!..Iva..jien ghadni omm..Oh!..Alla!..Jiena ma nafx minn int, imma qed inhossok... iva..qed inhoss l-esistenza Tieghek.

S I P A R J U M A L A J R

md